MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 3/2009/2

**MIB Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza ta' ditta estera Lloyds Underwriters**

**vs**

**Maria Camilleri f'ismiha proprju u b'digriet tat-2 ta' Frar, 2009 gie nominat Dr. Patrick Valentino bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti ta' Paul Camilleri**

## Il-Qorti

**Rat** ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Maria Camilleri fejn gie premess:-

ILLI permezz ta' l-avviz numru 3/2009SM, is-socjeta' attrici talbet sabiex prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' tal-intimati jew min minnhom ghal dak li

gara fl-incident tat-12 ta' Marzu tas-sena 2008, u li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu, tigi mhallsa s-somma ta' tmint elef, erba' mija u euro, u tmienja u tmenin centezmu (EUR8,401.88) bhala danni ta' dan l-akkadut;

ILLI stante is-surroga tas-socjeta' attrici fid-drittijiet ta' Robert Runza, gie mitlub mill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma fuq indikata, u dan, kollu wara li fit-12 ta' Marzu, 2008, Paul Camilleri u martu Maria kienu qed jahznu n-nar illegalment fi propjeta' gewwa Triq Hal-Dghejf fin-Naxxar, liema nar sploda u kkawza hsarat lil Robert Runza, (assikurat tar-rikorrenti), fid-dar Nru. 7, Sqaq Nru 14, Triq Santa Lucija, in-Naxxar;

ILLI permezz tar-risposta taghha, l-intimata Maria Camilleri kienet esponiet u eccepiet is-segwenti u cioe:

ILLI fl-ewwel lok ghal precizjoni, Maria Camilleri rrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha Paul Camilleri li miet kawza ta' spluzjoni fit-12 ta' Marzu, 2008;

ILLI l-istess rinunzja saret minn bin il-konjugi Camilleri, Alan, fil-konfront ta' missieru Paul Camilleri;

**ILLI personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti stante li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe' hazna ta' nar fil-proprjeta' fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b'xi mod ikkontrbwiet b'negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista' jigi likwidiat favur ir-rikorrenti, b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, a terminu tal-artikolu 1327 (f) et sequitur tal-Kodici Civili;**

ILLI konsegwentement il-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur fil-konfront ta' Maria

Camilleri ghandu jigi mnehhi safejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti;

ILLI fil-mertu, is-socjeta’ rikorrenti trid tipprova t-talba taghha u n-ness legali u fattwali bejn l-agir ta’ Paul Camilleri u konsegwenti danni subiti mill-assikurat tas-socjeta’ rikorrenti;

ILLI fir-risposta tal-Kuratur Deputat nominat fuq indikat sabiex jirraprezenta lill-eredita’ gjacenti ta’ Paul Camilleri, huwa wiegeb is-segwenti:

ILLI f’dan l-istadju huwa ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza, pero’ jirrizerva illi jippresenta risposta ulterjuri, fl-eventwalita’ illi jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz;

**ILLI permezz tas-sentenza taghha, moghtija in prim fis-26 ta’ Ottubru tal-2010, il-Qorti tal-Magistrati (sede civili) per Magistrat Silvio Meli kkonkludiet illi:**

**Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta’ Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu u li frott ta’ dan l-incidenti is-socjeta’ rikorrenti nomina soffriet danni ammontanti ghal tmint elef, erba’ mija u ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8,401.88), kif ipprovat fil-mori tal-kawza, u dan inkluz l-ammont ta’ mija u erba’ u disghin Ewro u sebghin centezmu (€194.70), spejjez tal-perit kif dedott; u**

**Tikkundanna lill-intimati fuq indikati jhallsu somma hekk likwidata lis-socjeta’ rikorrenti nomine fuq ukoll indikata, debitament surrogata fid-drittijiet tad-danneggjat assikurat taghha;**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rrikors promotur u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess intimati msemmija.**

<u>**ILLI l-konvenuta, Maria Camilleri, f’isimha proprju, hassitha serjament aggravata minn din is-sentenza u mill-konkluzjonijiet tagha, u ghalhekk umilment**</u>

**<u>interponiet appell, quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;</u>**

**ILLI fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2011, il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet ta' MIB vs. Maria Camilleri et, App. Civili Nru 3/2009/1RCP, filwaqt li laqghat ir-risposta tas-socjeta' appellata datata 26 ta' Novembru 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak gia deciz, cahdet l-appell interpost mill-appellanti Maria Camilleri fir-rikors tal-appell taghha datat 15 ta' Novembru 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u b'hekk ikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Sede Civili) datata 26 ta' Ottubru 2010, fl-ismijiet premessi "MIB Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta ester Lloyds Underwriters vs Maria Camilleri f'isimha proprju u b'digriet tat-2 ta' Frar 2009 gie nominat Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita' gjacenti ta' Paul Camilleri" (Rikors Nru. 3/09/SM).**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Maria Camilleri.**

ILLI allura dawn iz-zewg sub-incizi surreferiti u cioe, l-Artikoli 811(e) u l-Artikolu 811(k) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ser jigu trattati u evalwati separatament u fl-ordni alfabetiku taghhom.

**<u>Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta – Applikazzjoni hazina tal-Ligi</u>**

ILLI dan il-kaz, zgur kien jimmeritalu applikazzjoni legali siewja u gusta, fid-dawl ukoll ta' dak li gie eccepit mill-intimata qua appellanti, stante illi gie rilevat *illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti stante li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe' hazna ta' nar fil-propjeta' fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b'xi mod ikkontribwiet b'negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffet mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti.*

*Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista' jigi likwidat favur ir-rikorrenti, b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, a terminu tal-artikolu 1327 (f) et sequitur tal-Kodici Civili.*

ILLI ghal dawn il-motivi, l-esponenti jirrileva ghall-ahjar apprezzament ta' din ir-ritrattazzjoni, illi bhala **punt ta' dritt**, jekk jinstab illi Paul Camilleri hu responabbli ghad-danni bhala rimedju civili, konsegwenza tal-ispluzjoni kawzata minn materjal splussiv manufatturat jew stivat minnu, tirrispondi ghalih il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u l-intimata Maria Camilleri **imma dan japplika biss: kemm-il darba tali indenniz ma jkunx dovut bhala rimedju civili DWAR REAT LI JKUN SAR BIR-RIEDA.** (*vide Artikolu 1327(f) Kodici Civili.)*

ILLI bla margini ta' dubbju dak allegat mis-socjeta rikorrenti jinkwadra ruhu f'dan l-artikolu. Qed jigi allegat illi Paul Camilleri kkommetta reat, cioe' il-manifattura u/jew stivar ta' materjal splussiv bla licenzja adegwata u f'post projbit. Il-hsara konsegwenzjali, cioe' l-indenniz civili, **ma tirrispondix ghalih il-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jigix ippruvat illi martu wkoll kienet komplici f'tali reat. Allura matul dawn il-proceduri kollha, kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici, li jirnexxielha tipprova illi mart Paul Camilleri, kinitx komplici jew le, fil-konsapevolezza taghha li kien qed isir reat, addirittura wkoll, fid-dar matrimonjali taghha, li permezz tieghu sehhet spluzjoni u bil-konsegwenzi kollha li gabet maghha.**

**ILLI sabiex l-Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili taghna, jinghata l-applikazzjoni korretta il-boghod minn kull interpretazzjoni li tista' twassal ghal devjazzjoni mill-applikar vera u proprju tal-ligi, wiehed allura mhux biss irid ihares li japplika l-Artikolu tal-Ligi, li qed tinvoka l-intimata Maria Camilleri u cioe l-Artikolu 1327(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, imma irid jara u jgharaf ezattament x'inhi l-intenzjoni ezatta tal-Legislatur, mhux biss fis-sustanza tal-kontenut tal-kelma tal-Ligi tal-Artikolu in ezami, izda wkoll ta' dak li**

**per koerenza procedurali irid jabbraca ruhu mas-sustanza tal-Artikolu, u in sostenn ghal tali sustanza.**

**ILLI huwa fl-intenzjoni tal-legislatur, li f'Artikoli Legali ta' natura civili, li jibbazaw ruhhom fuq reati kriminali, l-gudikant ghandu japplika din id-dispozizzjoni tal-ligi billi jikkoncentra ruhu esklussivament fuq il-livell ta' prova u l-konsistenza taghha fid-dawl tar-real allegat u r-rizultanzi tieghu, sabiex verament johrog fuq bazi probatorja, il-komplicita' tal-parti l-ohra fiz-zwieg. Huwa biss, b'dan it-tip ta' filtering gudizzjarju, li wiehed irid jasal ghal konkluzjoni vera u proprja, ta' x'kien ezatt l-involviment reali tal-parti l-ohra fiz-zwieg, fil-konfront tal-attur tar-reat.**

**ILLI f'dan il-kaz il-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza moghtija in prim istanza li fiha gie ppruvat biss, a) li sehhet spluzjoni, minhabba l-agir ta' Paul Camilleri u b) li permezz taghha Robert Runza sofra hsara. Izda qatt, ma gie ppruvat pero, illi l-agir ta' Paul Camilleri, kien konfortat bil-komplicita' diretta jew indiretta ta' Maria Camilleri.**

ILLI tali **prova ta' komplicita' fir-reat trid issir unikament mill-parti li qed tallegaha u trid issir b'mod konvincenti** mhux merament fuq bazi ta' *suppozizzjoni jew prezunzjoni, jew inkella billi nipoteggizzaw bhala fatt verosimili o meno, illi Maria Camilleri, ma setghatx ma kinitx taf x'kien qed jaghmel ir-ragel taghha minn wara l-kwinti ta' hajjitha, u/jew nissoktaw naqblu ma' dak li bla dubju ta' xejn gie dipint fuq il-kwadru tal-medja*, **minghajr ma' nressqu prova wahda, li hi wahda, fuq il-komplicita' tal-intimata Maria Camilleri.** Il-gurisprudenza nostrana, kif gie insenjat b'mod car hafna, fil-kawza moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, fl-ismijiet ta' **Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo et**, App. Inf. 17.10.2008, tistabbilixxi illi wiehed irid japprezza li *sitwazzjonijiet ipotetici bl-ebda mod ma jiskossaw il-punt bazilari li min jallega jrid jipprova.* Ziedet il-Qorti: ILLI "*dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid twassal biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalita' ta' fatt bejn il-kondotta tal-agent u l-event*

*dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilta extrakontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw;*

*Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabilixxi s-sussistenza ta' dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta' kien l-awtur tad-dannu, u lanqas ghall-intivizzjoni proprja, anke jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, invece, ghall-accertament ta' dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b'mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh."*

ILLI l-Qorti tal-Appell, fid-decizjoni taghha, tal-31 ta' Mejju 2011, ibbazat is-sentenza taghha principalment fuq il-fiducja taghha kompleta illi l-Qorti in prim istanza, kellha kull opportunita' tara lill-intimata Maria Camilleri fuq il-pedana tax-xhieda, kellha kull opportunita' illi tezamina l-affidavit taghha, pero l-intimata ma tifhimx ir-raguni ghala giet sottoposta ghax xi imputazzjoni li fuqha minghajr prova wahda li hija **a) konkreta; b) diretta; u c) oggettiva** in kwanut ghal dak li rrizulta fil-provi imressqin quddiem il-Qorti tal-Magistrati mis-socjeta' attrici qua appellata, li permezz taghha hija tirrizulta bhala komplici fir-reat mar-ragel taghha fil-manifatturar u/jew stivar ta' materjal splussiv bla licenzja adegwata u f'post projbit.

ILLI f'dan il-kaz, l-ipotezi li hija ppruvat tqarraq bil-Qorti, u li ppruvat tirkeb fuq l-emozzjoni billi tpoggi t-tifel quddiem il-verita' vera u propja ta' dan il-kaz, servew bhala prova li fuqha giet misjuba responsabbli. ILLI sfortunatament kienet il-prattika tas-socjeta' attrici, illi tizgwida lil Qrati taghna mill-bidu sa l-ahhar, u dan sfortunatament kellu wkoll ikun mghejjun bl-effett kbir tal-medja li halliet influwenza kerha hafna fuq dan il-kaz ta' Maria Camilleri, li kien wiehed sfortunat, ghaliex kellu jithallat hallata ballata mal-investigazzjoni tas-sejba ta' hazna ta' nar fil-kazin muzikali tal-banda 'Peace Band Club' fin-Naxxar.

ILLI ghalhekk in materja legali, u il-boghod minn kull interpretazzjoni li ma tohrogx il-vera gustizzja f'dan il-kaz u li xejjen l-applikar vera u proprju tal-ligi nostrana, l-Artikolu 1327 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jelenka b'mod ezawrjenti x'inhuma d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti u ma jippermettix jew jaghti lok ghal kwistjonijiet jew eventwalitajiet ulterjuri rigwardanti d-djun li jinkombu fuq il-komunjoni tal-akkwisti barra minn dawn il-parametri li hemm elenkati. Oltre minnhekk, hawnhekk wiehed ghalkemm jifhem, illi dawn huma proceduri civili li ma jiddependux fuq il-fatt jekk jinfethux kazijiet kriminali o meno rigwardanti r-reat li jkun sar (f'dan il-kaz si tratta ta' manifatturar u/jew stivar ta' materjal splussiv bla licenzja adegwata u f'post projbit), l-oneru tal-prova mhux biss jinkombi fuq min ikun qed jallega, izda l-gurisprudenza taghna bbazata fuq l-applikar korrett tal-ligi, tghallimna li tali prova trid tkun wahda **a) oggettiva; b) diretta; u c) konkreta.** Per konsegwenza, allura l-applikazzjoni vera u proprja ta' dan l-Artikolu hija purament u esklussivament dipendenti fuq il-prova li trid tingieb ghas-sodisfazzjoni tal-Qrati taghna. Fil-kaz de quo, Maria Camilleri eccepiet mill-bidu nett in-nuqqas ta' involviment taghha flimkien mar-ragel Paul Camilleri, u dan a bazi tal-Artikolu 1327(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan is-subparagrafu, huwa wiehed car fil-kelma tieghu u ghandu jigi applikat b'rigorozita' u b'mod ristrett, izjed u izjed meta l-istess disposizzjoni tal-Ligi tibbaza ruhha fuq l-att kriminali billi tistipola illi '*kull dejn jew indennizz dovut bhala rimedju civili minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.'*

**ILLI d-domanda li tinsorgi b'mod awtomatiku allura rigwardanti l-elelment probatorju, hija wahda ta' META? KIF? U FEJN? Gie ppruvat b'mod oggettiv, dirett u konkret da parti tas-socjeta' attrici MIB Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Lloyds Underwriters, illi Maria Camilleri, kienet verament taf b'mod dirett jew indirett, illi zewgha kien qed jaghmel ir-reat ta' manifatturar u/jew stivar ta' materjal**

**splussiv bla licenzja adegwata u f'post projbit. Oltre minnhekk, wiehed jistaqsi wkoll, FEJN? KIF? u META? L-imsemmija socjeta' appellata ritrattandi rnexxielha tohrog fid-dawl tal-provi li Maria Camilleri kienet partecipi f'dik li xi whud influwenzati mill-medja filwaqt li a) hadd qatt ma ssusspetta b'xejn, jew b) kien jaf kemm kien ilha ssir dik l-attivita', jew c) kienx ghadu kemm twassal hemm dak il-materjal, dawn, allegatament, erronjament u ingustament qed iqisuha bhal li kieku kienet ghaddejja industrija tan-nar fit-Triq Hal Dghejf.**

**ILLI fil-verita' tal-fattispece ta' dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell kienet mizgwidata u indotta mill-kontro-parti sabiex ma tapplikax l-Artikolu 1327(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti in prim istanza, li s-sentenza finali ta' din ta' l-ahhar, kienet semplicement fuq kongetturi ta' nuqqas ta' kredibbilita', nuqqas ta' koerenza fix-xhieda ta' Maria Camilleri u agir fuq il-pedana da parti taghha li zgur mhumiex provi bizzejjed u ma jikkwalifikawx bhala element ta' prova oggettiva, diretta u konkreta kif inhu rikjest fl-applikazzjoni tal-Artikolu 1327(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. ILLI allura ikun kompletament kontra dak li tirrikjedi l-gustizzja korrettiva fl-ambitu veru u proprju ta' tali applikazzjoni legali, illi Maria Camilleri lanqas ma tinghata l-beneficcju tad-dubbju, tenut kont li anqas prova ta' komplicita' wahda ma' giet imressqa mill-parti l-ohra fiz-zewg istanzi.** (vide l-argumentazzjoni f'pagni 7-8 tal-kawza fl-ismijiet ta' *Jane Carbonaro f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' zewgha Salvatore Carbonaro –vs- Mark Julian Ryan u Sandra Ryan deciza fit-28 ta' Jannar 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili)*

**Artikolu 811(k) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta – Dokument Deciziv li jinpingi fuq il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell**

ILLI wara li nghatat is-sentenza tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2011, Maria Camilleri u binha, li kienu qed jabitaw fi flat mikri lilha u mghejjuna b'sussidju zghir mill-Awtorita' tad-

Djar, tali sussidju unikament offrut lilhom minhabba l-ezigenzi tat-tifel taghha Alan Camilleri, li hu bi bzonnijiet specjali. Issa sid il-post irid jirriprendi l-flat lura. Minhaba f'hekk, u peress li l-imsemmija Maria Camilleri flimkien ma' binha bi bzonnijiet specjalissimi, sfaw rinfaccjati b'sitwazzjonijiet ta' pressjoni specjali aktar minn qatt qabel peress li ser jergghu ghat-tieni darba jispiccaw bla saqaf fuq rashom, l-emergenza ta' tali sitwazzjoni kkostringietha li tirrivela issa ghall-ewwel darba, lill-imsemmija Awtorita' illi hija tbati mill-kundizzjoni tal-Epilepsija.

ILLI meta bdiet l-indagni amministrattiva fuq din il-kundizzjoni ta' sahha li tbati minnha Maria Camilleri, gie innutat illi l-imsemmija kienet tbati minn din il-kundizzjoni minn l-eta' ckejkna ta' tnax-il (12) sena. Awtomatikament, u dan sabiex jigu rispettati l-policies u r-regolamenti tal-Awtorita' tad-Djar, gie fis-sehh u skatta ruhu mekkanizmu ta' skrutinju mediku sabiex jigi iskritt dokument fi zmien qasir hafna, li ser jiehu konjizzjoni shiha u jservi bhala perizja psiko-medika tal-pazjenta Maria Camilleri, fejn skond konsultazzjonijiet medici li saru dan l-ahhar, irrizulta b'mod car hafna illi psikologikament hija mhux biss ghaddejja minn post-traumatic psychological disorders kostanti, izda illi hija kellha kumplikazzjonijiet psikologici (serji) anki ferm qabel l-incident ta' l-ispluzjoni u rrivelathom issa.

ILLI dan id-dokument mhux biss ser iservi bhala certifikat deciziv ghall-ghotja ta' aktar 'punti' fl-ambitu tal-Housing, sabiex tigi salvagwardjata d-dinjita' taghha u tat-tifel skond l-ezigenzi akkomodattivi taghhom it-tnejn bhala familja li zgur ma tistax tghaddi minn tragedji ohra, izda ser ikollu impatt sostanzjali fuq il-mod ta' kif Maria Camilleri qedgha tigi diskreditata u aggudikata ingustament quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.

ILLI l-kaz ta' Maria Camilleri huwa wiehed delikatissimu immens, ghaliex allura, dina mhux biss kellha kundizzjoni fuqha diga li kulhadd seta' jkun jaf biha issa galadarba titkellem hija minn jeddha bhalma gara dan l-ahhar, izda illi permezz ta' pilloli li kienet qedha tiehu fil-passat ghal kura tal-Epilepsija, abbraccjati mal-post traumatic effect li

halla fuqha dan l-incident tat-12 ta’ Marzu tas-sena 2008, gab fiha sitwazzjoni anomala li qedha tattakka partikolarment l-attitudni psiko-socjologika taghha vis-a-vis s-socjeta’ in generali.

ILLI naturalment dan id-dokument, u cioe l-perizja psiko-medika tal-pazjenta Maria Camilleri jinkwadra ruhu fl-elementi u r-rekwiziti kollha li jirrikjedi l-Artikolu 811(k) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ser jigi ezebit immedjatament u fi zmien qasir appena jigi komilat mit-tabib u/jew tobba psikjatrici li gew mitluba jaqdu dan id-dmir. Dan huwa dokument vitali ghal kwazi kollha pendenti u ghandu jigi rikonoxxut minhabba l-valur ta’ prova fornita rigwardanti l-istat socjo-psikologiku ta’ Maria Camilleri u huwa meqjus bhala dokument gdid u deciziv, illi jolqot direttament it-tema fattwali u legali tal-kontroversja li qeda tigi ripetutament imposta ngustament kontra l-imsemmija, ghal mod kif tesprimi ruhha quddiem il-Qrati taghna, u naturalment ukoll, ghal mod kif din l-imsemmija Maria Camilleri qed tkun kostantement diskreditata u aggudikata ngustament fuq il-komportament taghha. Dan id-dokument ser juri u jikxef il-verita’ assoluta u jaghti indikazzjoni cara fuq il-mod ta’ kif kienet il-hajja matrimonjali ta’ bejna u bejn zewgha qabel ma sehh l-incident fatali tat-12 ta’ Marzu tas-sena 2008.

Ghar-ragunijiet kollha ir-ritrattanda Maria Camilleri qed titlob li jigi ddikjarat (1) li s-sentenza moghtija fil-31 ta’ Mejju 2011, fil-kawza fl-ismijiet “MIB Insurance Brokers (Malta) Limited ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera Lloyds Underwriters vs Maria Camilleri f’isimha proprju u b’digriet tat-2 ta’ Frar 2009 gie nominat Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita’ gjacenti ta’ Paul Camilleri” (Appell Civili Nru. 3/09/1RCP) hija affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi kif fuq inghad u inoltre tali kawza ghandha tigi ritrattata stante illi jezisti dokument deciziv li ghandu zgur jibdel l-ezitu ta’ tali konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet gia milhuqa minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell; (2) li kemm dan l-izball ta’ applikazzjoni tal-ligi u id-decizivita’ ta’ tali dokument li ser jigi mressaq quddiemha, jikkostitwixxu bazi ghar-ritrattazzjoni, u dan a tenur ta’ l-

Artikolu 811 sub-inciz (e) u (k) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) li tithassar u tigi annullata l-imsemmija stante illi hija affetta bi zball fl-applikazzjoni tal-ligi u billi permezz tad-decizivita' ta' tali dokument li ser jigi mressaq quddiemha kif fuq inghad; u (4) li tigi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza biex dina tigi mismughha, trattata u deciza skond il-ligi u b'hekk tigi milqugha l-eccezzjoni fil-mertu tal-intimata Maria Camilleri illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti stante li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe' hazna ta' nar fil-proprjeta' fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b'xi mod ikkontribwiet b'negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti. Kwindi li jigi dikjarat li r-ritrattanda mhux responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista' jigi likwidat favur ir-rikorrenti, b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, a terminu tal-artikolu 1327(f) et sequitur tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez tat-tlett istanzi kontra s-socjeta' appellata ritrattata.

**Rat** ir-risposta tar-ritrattati fejn gue sottomess:-
Illi huwa inkredibbli kif mara li irnexxielha bil-komplicita civili taghha teqred nofs triq u tahsad zewg hajjiet (inkluza dik ta' zewgha) jista jkollha tant resiljenza li wara zewg sentenzi kontra taghha tibqa' tfittex ragun meta huwa car li ragun ma kelliex;

Illi kieku f'darha kellha l-istess zelu li qed turi issa, biex tehles mir-responsabbilita' civili allura dan id-dizastru li gara fin-Naxxar ma kienx isehh. Ovvjament dakinhar mill-industrija ta' zewgha, Maria Camilleri kienet qed taghmel il-flus allura l-konsiderazzjonijiet l-ohra kienu sekondarji.

Illi jekk qatt kien hemm rikors ta' ritrattazzjoni li hu frivolu u vessatorju dak ir-rikors huwa dan.

Illi Maria Camilleri fir-rikors taghha titlob ritrattazzjoni taht zewg artikoli partikolari tal-Kap 12, li huma l-Art 811 (e) u (k). Skont dawn l-artikoli hemm lok ghal ritrattazzjoni:

"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

Ghall-finijiat ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;"

"(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza;"

**Garanzija**

1. Illi qabel xejn ir-ritrattarja trid iggib u taghti il-garanziji li trid il-ligi fl-Art 249 tal-Kap 16 (Art 815 tal-istess Kap);

**Talbiet infondati fil-fatt u fid-dritt.**

2. Illi r-rikors maghmul mir-ritrattarja u t-talbiet maghmula fih huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

**L-Art 811(e)**

3. Illi dwar l-ewwel aggravju u cioe dak maghmul a bazi tal-Art 811(e) tal-Kap 16 fil-bidu ta' pagna 4 tar-rikors taghha ir-ritrattarja tinkixef li qed tabbuza mill-istitut tar-ritrattazzjoni sabiex b'ostinazzjoni tipprova tkompli tghid li dwar il-fatti kulhadd ghandu tort hlief hi. Fil-fatt hawn fl-ewwel paragrafu taghha ta' pagna 4 tar-rikors, terga tghid li din ir-ritrattazzjoni hi mehtiega ghax hi "ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha". Issa dan hu punt prettament ta' fatt u zgur li ma jaqax taht l-artiklu citat 811(e). Dan il-punt gia gie trattat ad nauseam kemm mill-Qorti tal-ewwel grad kif ukoll minn dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell. U huwa inkredibbli kif

qed jerga jigi mitfugh hawnhekk f'forma ta' ritrattazzjoni. Dan ma hu xejn aktar minn abbuz tas-sistema.

4. Illi fir-rikors taghha ir-ritrattarja tipprova taghti l-impressjoni li skont is-sentenza, hi saret responsabbli biss ghax hi mizzewga ma' Paul Camilleri li allura certament kien jaf bil-hazna tal-isplussiv fil-garage tad-dar. Imma fil-fatt il-Qrati li ddecidew il-kaz fuq il-fatti iddecidew mod iehor – huma ma emmnux lil Maria Camilleri meta qalet li ma kenitx taf li zewgha qed jahdem in-nar fid-dar taghha u ghalhekk in vista tal-fatt li hi kienet taf b'dan u ma waqqfitux milli jaghmel hekk saret civilment responsabbli ghad-dizastru li gara.

5. Illi intant l-Art 1327(f) li qed jigi citat mir-ritrattarja bhala r-raguni ghar-ritrattazzjoni, ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz. Hawnhekk Maria Camilleri mhux qed tirrispondi ghal hazen (civili u kriminali) ta' zewgha imma qed tirrispondi ghal hazen taghha stess – cioe li ippermettiet li fil-garage, li hu proprjeta taghha wkoll, jigi mahdun in-nar. Fil-fatt lil Maria Camilleri ma emmiha hadd meta qalet li hi ma kenitx taf b'din l-attivita f'darha. Fuq bilanc ta' probabbilita il-Qorti emmnet li Maria Camilleri kienet taf b'kollox u la kienet taf, kellha obbligu li tnehhi u twaqqaf il-periklu li kien hemm f'darha. Kemm il-Magistrat Inkwerenti Dr. Miriam Haymen, kemm il-Magistrat (illum Onor. Imhallef) Dr. Silvio Mela u kemm il-Qorti tal-Appell preseduta mill-Onor. Imhallef Raymond Pace kellhom konvinciment morali ghall-anqas sal-grad ta' probabbilita li bhala stat ta' fatt Maria Camilleri kienet responsabbli anke bl-inertia taghha ghall-ispluzjoni li grat fin-Naxxar. Dan hu punt ta' fatt b'konsegwenzi legali li gia gie diskuss fl-Appell u li minnu ma hemmx ritrattazzjoni.

6. Illi ukoll sabiex issir ritrattazzjoni bazata fuq l-Art 811(e) cioe' li s-sentenza applikat ligi hazina irid jirrizulta "li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni;". Issa fil-kaz in ezami huwa evidentissimu li l-Qorti gia kienet ikkunsidrat dak li jirrizulta mill-Art 1327(f) tal-Kodici Civili u skartatu bhala mhux applikabbli. Is-sentenza tghid hekk

dwar dan il-punt (li fil-verita hu aktar punt ta’ fatt milli ta’ ligi):

“Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li dan huwa wkoll bla bazi ghaliex la darba gie ppruvat li l-intimata appellanti kienet taf bl-agir illegali ta’ zewgha f’dik li hija hazna ta’ splussivi fil-garaxx anness mad-dar taghha mela allura hija l-komunjoni tal-akkwisti li ghandha tirrispondi ghall tali hsarat fil-kamp civili u ghalhekk l-artikolu 1327 (f) tal-Kap. 16 huwa applikabbli ghall kaz in ezami fis-sens li t-tieni eccezzjoni kellha tal-intimata kellha tigi michuda, kif giet michuda fl-istess decizjoni, liema sentenza qed tigi kkonfermata minn din il-Qorti, anke f’dan ir-rigward u dan ghaliex li jirrizulta mill-atti ta’ din il-kawza li l-intimata appellanti, kontrarjament ghall dak minnha eccepiet, kienet taf b’dak kollu li ghamel zewgha fl-istess garaxx in kwantu jikkoncerna l-hazna ta’ nar fil-proprjeta’ taghha u senjatament fil-garaxx anness mar-residenza taghhom. Il-konsgwenza ta’ dan kienet li tali fatti jaqaw fil-paramteri tal-ligi li jistipulaw li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha taghmel tajjeb ghad-danni hekk ikkawzati, li kien ghalihom responsabbbli d-decujus u l-intimata, li kienet taf bl-operat ta’ zewgha u allura f’termini legali u civili, komplici mal-istess. B’hekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti waslet ghall konkluzzjoni fattwali u legali (billi cahdet din it-tieni eccezzjoni).”

7. Illi la darba dan il-punt legali gia gie dibattut mill-Onorabbli Qorti, ir-ritrattazzjoni a bazi ta’ dan l-Artiklu tal-ligi qatt ma seta isir.

8. Ir-ritrattarja issemmi li hemm bzonn ta’ “filtering gudizzjarju” sabiex il-Qorti tasal ghal differenza bejn reati kriminuzi u nuqqasijiet civili li joholqu danni sabiex wiehed jara jekk il-komunjoni tal-akkwisti ghandiex terfa ir-responsabbilita’. Ir-ritrattarja terga tipprova tisgwida lil-Qorti – hi ma gietx kundannata minhabba fin-nuqqasijiet ta’ zewgha izda minhabba fin-nuqqasijiet taghha stess. Dan inghad amplifikatament. Mhux minnu li l-Qorti sabet li l-ispluzjoni kienet kagun biss ta’ Paul Camilleri. Maria Camilleri li halliet xoghol perikoluz isir go darha bl-gharfien taghha kienet ghalhekk komplici.

9. Illi r-ritrattazzjoni fil-fatt (pagna 7, 8 et seq) terga tikkritika s-sejbiet ta' fatt li ghamlet il-Qorti u hawn jinkixef li dan ma hu kaz ta' ritrattazzjoni xejn – hu kaz li permezz tieghu Maria Camilleri qed terga temfasizza li l-Qorti qatt ma kellha issib li fatwalment hi kienet taf bl-isplussiv go darha. Hi qed tippretendi li kulhadd kellu jemminha meta qalet li biex tara jekk zewgha iridx xi te mid-dar ghal garage (li jinfdu) kienet tistaqsih permezz ta' sms??!!

10. Illi taht dan l-aggravju l-ewwel nett il-konvenuta kellha tindika liema hi il-ligi hazina li giet uzata u liema hi il-ligi korretta li kellha tigi applikata u ukoll kellha pero' izzomm bhala bazi is-sejbiet fattwali li tkun ghamlet is-sentenza li qed tigi attakkata. Referenza issir ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelo Busuttil v Mary Gauci 24 ta' Jannar 1997: "Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jegghu jigu interpretati... Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti". Ara ukoll Appell Civili – Salvino Testaferrata Moroni Viani et v David Vella noe deciza fl-24 ta' Settembru 2004.

11. Illi ghalhekk dwar dan l-aggravju hu cert li l-ligi ma tippermettix ritrattazzjoni.

**L-art 811(k)**

12. Illi dan l-Art jippermetti ritrattazzjoni "(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza;"

13. Mela dak id-dokument irid ikun ezista qabel ma inghatat is-sentenza u mhux bhal fil-kaz odjern jigi muntat apposta ghar-ritrattazzjoni wara s-sentenza.

14. Illi l-esponent ma jemminx kif is-sistema tal-ligi tista tigi abbuzata b’mod daqstant sfaccat bhal fil-kaz odjern. Mela hawn qed issir talba ghar-ritrazzjoni bazata fuq “ezistenza” ta’ dokument li ma giex prodott mar-rikors u li addirittura ghadu mhux kompilat jew ezistenti. Dan id-dokument, li ghad irid isir, suppost juri li Maria Camilleri tbat minn attakki ta’ epilipsija. Din hi allegazzjoni (li bhall-allegazzjoni li t-tifel ta’ Maria Camilleri suppost ibati minn awtizmu) qed tigi uzata biex tigbed is-simpatija fuq il-konvenuta. Wara dak li wettqet Maria Camilleri ghandha tirringrazzja lis-socjeta li sabet l-istat lest li jghinha fil-qasam tal-Housing.

15. Illi din il-kondizzjoni, li suppost ilha tbati biha l-konvenuta, setghat gabitha bhala prova hafna qabel issa. U intant hija ukoll irrilevanti. Allahares kull min iwettaq hazen (ezempju itajjar lil xi hadd f’incident awtomobilistiku) jista zmien wara sentenza tal-Qorti tal-Appell jiskopri jew jallega li kellu xi kondizzjoni mentali u a bazi ta’ dokument **mahluq wara s-sentenza** jittenta ihassar dik is-sentenza permezz ta’ ritrattazzjoni. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelo Busuttil v. Mary Gauci 24 ta’ Jannar 1997 ukoll hija indikattiva li d-dokument irid ikun ezista qabel is-sentenza u mhux gie mahluq wara.

16. Illi Maria Camilleri tghid li qed tigi gudikata mill-Qorti b’mod ingust u dan id-dokument li ghad irid jigi kompilat u prezentat ghandu jipperswadi lil kulhadd dwar dan il-hazen. Illi fil-fatt l-uniku hazen li spikka f’din il-kawza qieghed fl-attitudni tal-konvenuta li qed tabbuza mill-ligi sabiex twaqqaf lil gustizzja milli issir ma’ kull min bata minn dan l-incident. Jigi rilevat li skont il-ligi, suppost id-dokument irid ikun instab wara is-sentenza u mhux gie mahluq wara s-sentenza.

17. Illi dan id-dokument Psiko-socjologiku li ghadu mhux lest suppost huwa l-bazi tar-ritrazzjoni – aktar arroganti minn hekk il-konvenuta ma tistax tkun. L-atturi xejn ma jiskantaw dwar dan – din hi mara li f’darha ippermettiet li jkun hemm attivita tant perikoluza li kienet kapaci teqred nofs triq u zewg hajjiet. Anke il-kliem tal-istess artiklu juru

li d-dokument irid ikun jezisti qabel is-sentenza u mhux jigi mahluq wara. Ir-raguni hi ovvja – inkella kulhadd ser ikun propens johloq dokumenti simili sabiex jeludi l-iskop tal-gustizzja. Intant dwar kif kienet il-hajja mizzewga tal-intimata gia ingabet prova li ma kinitx emmnuta – l-intimata ma tistax terga tiftah dik it-triq permezz tar-ritrattazzjoni jew permezz ta’ opinjoni (anke jekk dik l-opinjoni tinghata f’forma ta’ rapport).

18. Illi anke l-Art 818(1)(a) jghid li t-tlett xhur sabiex isir rikors ghar-ritrattazzjoni jibdew jghaddu mid-data li **jinstab** id-dokument – dan ukoll juri bic-car li d-dokument irid ikun jezisti qabel is-sentenza u probabbilment f’dan il-kaz qabel l-incident, u mhux jigi kompilat wara s-sentenza.

19. Illi apparti dan kollu biex issir ritrattazzjoni fuq din il-bazi mhux biss irid jinstab dokument wara s-sentenza, izda jrid jigi pruvat li r-ritrattarja tkun ghamlet l-almu taghha biex tottjeni l-istess dokument anke waqt il-kawza. Issa jekk Maria Camilleri ilha minn ckunitha tbati minn attakki ta’ epilettici allura tali dokument seta gie maghmul hafna qabel is-sentenza attakkata;

20. Illi ukoll huwa importanti li jigi rilevat li dan mhux it-tip ta’ dokument li ghalih qed talludi il-ligi. Dan hu tassew kaz li in extremis Maria Camilleri qed tipprova tuza l-ligi biex tahrab ir-responsabbilta civili taghha – ara sentenza Agius Gilbert Anthony et v Peter Cassar Torreggiani App Civ Inf deciz fis-6 ta’ Ottubru 2004.

21. Illi intant ukoll irid jigi imfakkar li: “Opportunement tajjeb li jigi mfakkar illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta’ natura straordinarja u li r-regoli tal-istitut huma konsegwentement ta’ interpretazzjoni strettissima (Ara Kollez Vol. XLII pI p227)” – Agius Gilbert Anthony et v Peter Cassar Torreggiani App Civ Inf 6 ta’ Ottubru 2004.

22. Illi intant perizja medico – psikologika (li hi opinjoni) mhijiex dokument kif trid il-ligi ghall-iskop ta’ dan l-artiklu; proprju bhal ma hux dokument idoneju ghar-ritrattazzjoni, stqarrija guramentata misjuba wara is-sentenza. Perizja medico – psikologika hija biss opinjoni maghmula bil-

miktub – il-ligi dwar ir-ritrattazzjoni ma kenitx qed talludi ghal din ix-xorta ta’ dokument. Ghalhekk l-anqas kieku dan id-dokument gia kien jezisti qabel is-sentenza, ma kienx ikun tajjeb bizzejjed ghall-iskop tar-ritrattazzjoni. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri Herbert Baldacchino noe v Cecil Pace et noe et Deciza fit-22 ta’ April 2004.

23. Ghal dawn il-motivi kollha anke dan l-aggravju mhuwiex skont il-ligi u huwa frivolu u vessatorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, skond ir-ritrattati, dan ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez doppji kontra l-konvenuta.

**Rat** is-sentenza li ghaliha tirreferi t-talba ta’ ritrattazzjoni u cioe’ s-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-31 ta' Mejju, 2011. Is-segwenti hu t-test integru tal-imsemmija sentenza:-

**“Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Maria Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita numru 618663M, f’isimha proprju, datat 15 ta’ Novembru 2010 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi permezz tal-avviz numru 3/2009SM, is-socjeta’ attrici talbet sabiex prevja d-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` tal-intimati jew min minnhom ghal dak li gara fl-incident tat-12 ta’ Marzu tas-sena 2008, u li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu, tigi mhallsa s-somma ta’ tmient elef, erba’ mija u ewro, u tmienja u tmenin centenzmu bhala danni ta’ dan l-akkadut.

Illi *stante* s-surroga tas-socjeta’ attrici fid-drittijiet ta’ Robert Runza, gie mitlub mill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma fuq indikata, u dan, kollu wara li fit-12 ta’ Marzu 2008, Paul Camilleri u martu Maria kienu qed jahznu n-nar illegalment fi proprjeta` gewwa Triq Hal-Dghejf fin-Naxxar, liema nar sploda u kkawza

hsarat lil Robert Runza, (assikurat tar-rikorrenti), fid-dar Nru. 7, Sqaq Nru 14, Triq Santa Lucija, in-Naxxar.

Illi permezz tar-risposta taghha, l-intimata Maria Camilleri kienet esponiet u eccepiet is-segwenti u cioe':-

Illi fl-ewwel lok ghal precizjoni, Maria Camilleri rrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha Paul Camilleri li miet kawza ta' spluzjoni fit-12 ta' Marzu 2008.

Illi l-istess rinunzja saret minn bin il-konjugi Camilleri, Alan, fil-konfront ta' missieru Paul Camilleri.

Illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti *stante* li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe` hazna ta' nar fil-propjeta' fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b'xi mod ikkontribwiet b'negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista' jigi likwidat favur ir-rikorrenti, b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, *ai terminu* tal-**artikolu 1327 (f) *et sequitur* tal-Kodici Civili**.

Illi konsegwentement il-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur fil-konfront ta' Maria Camilleri ghandu jigi mnehhi sa fejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi fil-mertu, is-socjeta` rikorrenti trid tipprova t-talba taghha u n-ness legali u fattwali bejn l-agir ta' Paul Camilleri u konsegwenti danni subiti mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti.

Illi fir-risposta tal-kuratur deputat nominat fuq indikat sabiex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti ta' Paul Camilleri, huwa wiegeb is-segwenti:

Illi f'dan l-istadju huwa ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza, pero' jirriserva illi jippresenta risposta ulterjuri, fl-

eventwalita` illi jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz.

Illi permezz tas-sentenza taghha, moghtija fis-26 ta' Ottubru tal-2010, il-Qorti tal-Magistrati (Sede Civili) per Magistrat Silvio Meli kkonkludiet illi:-

Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu u li frott ta' dan l-incident is-socjeta` rikorrenti nomina sofriet danni ammontanti ghall-tmint elef, erbgha mija u ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8,401.88), kif ipprovat fil-mori tal-kawza, u dan inkluz l-ammont ta' mija u erbgha u disghin ewro u sebghin centezmu (€194.70), spejjez tal-perit kif dedott; *u*

Tikkundanna lill-intimati fuq indikati ihallsu ssomma hekk likwidata lis-socjeta` rikorrenti *nomine* fuq ukoll indikata, debitament surrogata fid-drittijiet tad-danneggjat assikurat taghha.

Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess intimati msemmija.

<u>Illi l-konvenuta, Maria Camilleri, f'isimha proprju, hassitha serjament aggravata minn din is-sentenza u mill-kunkluzjonijiet taghha, u ghalhekk qieghda umilment tinterponi dan l-appell minnha, quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.</u>

Illi l-aggravji huma cari u manifesti, u jistghu jigu migburin taht is-segwenti tliet kapi ta' aggravji, u cioe:

A) Interpretazzjoni hazina tal-fatti li taw lok u li wasslu sabiex il-konvenuta Maria Camilleri tigi dikjarata responsabbli *in solidum* mar-ragel taghha Paul Camilleri ghall-akkadut tal-incident ta' spluzjoni li sehh fit-12 ta' Marzu 2008.

B) Ir-rilevanza legali u probatorja, tal-Inkjesta Magisterjali tat-22 ta' Mejju 2009 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati ta'

Malta bhala Qorti Istruttorja, li l-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza civili taghha, ikkunsidrat u bbazat id-decizjoni taghha fuqha, tenut kont ukoll tal-fatt li qabel xejn, dan id-dokument qatt ma gie ezebit bhala prova fil-process gudizzjali tal-Avviz Nru. 3/2009SM, kif ukoll tal-implikazzjonijiet legali u fattwali li fid-dawl tal-gudizzju dan ghandu jkollu galadarba ghadhom ma nfethux proceduri ufficjali fil-Qrati ta’ Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja; u

C) In-nuqqas ta’ interpretazzjoni legali li l-Qorti tal-Magistrati, fil-kompetenza civili taghha, ma ghamlitx, tenut kont tal-**artikoli 1327 (f) et sequitur**, li ghandhom jirregolaw il-pozizzjoni legali tal-konvenuta qua appellanti, fid-dawl ta’ dak li verament sehh f’dan l-incident.

Illi b’mod kronologiku u konsekuttiv, dawn it-tliet kapi ta’ aggravji ser jigu evalwati fis-sekwenza surreferita u ghaldaqstant kull parti ser tigi intitolata skont kull kap ta’ aggravju indikat.

A) Interpretazzjoni hazina tal-fatti li taw lok u li wasslu sabiex il-konvenuta Maria Camilleri tigi dikjarata responsabbli *in solidum* mar-ragel taghha Paul Camilleri ghall-akkadut tal-incident ta’ spluzjoni li sehh fit-12 ta’ Marzu 2008.

Illi ghalkemm l-ewwel Qorti rat l-affidavits kollha prodotti mill-intimata qua appellanti *in prim* istanza, jirrizulta illi l-unika prova li mid-dehra assumiet importanza bazilari fil-konsiderazzjonijiet taghha kienet l-affidavit taghha.

F’dan l-affidavit, il-konvenuta qua appellanti, taghti stampa cara fil-kuntest kollu familjari u konjugali taghha, ta’ kif kienu jsehhu l-affarijiet in kwantu ghar-*rutina gornaliera* tal-familja minn mindu hija dahlet fiz-zwieg mar-ragel taghha Paul Camilleri u fid-dar matrimonjali taghhom fis-26 ta’ April tal-1987. L-incident tal-ispluzjoni sehh fit-12 ta’ Marzu tas-sena 2008 u dan origina fil-*garage* numru 25 li jinsab fi Triq Had-Dghejf, in-Naxxar, li huwa *garage* li jaghmel parti mill-fond matrimonjali numru 23 li tidhol ghalih minn entrata differenti u bl-eccezzjoni kif ser jigi

rilevat, li kien *garage* esklussivament uzat mir-ragal taghha, Paul Camilleri u esklussivament iffrekwentat minnu.

Qabel xejn, huwa imperattiv u bil-wisq importanti illi jigi stabbilit, li dan il-kaz tal-ispluzjoni li halla konsegwenzi tragici fuq proprjetajiet ta' terzi persuni u li anki hasad il-hajja ta' persuna, bhalma jigri f'kull pajjiz, inghata importanza medjatika kbira. Kaz simili ftit 'il boghod minn xtutna, li skont l-affarijiet kurrenti, wiehed jista' jqabblu ma' dan in kwantu ghal dak li l-pubbliku jehodha bhala dritt li ghandu jigi investigat u enfasizzat mill-medja wkoll, huwa dak perezempju ta' Sara Scazzi li sehh f'Avetrana fil-pronvincja ta' Taranto, fl-Italja. B'dana kollu, pero`, ma jfissirx illi l-provi ta' fatt li jigu prodotti fil-process gudizzjali taghna, ghandhom b'xi mod jigu sottovalutati fil-komplessivita' taghhom. Dawn ghandhom jigu interpretati u evalwati fil-kuntest kollu taghhom meta wiehed jabbraccjahom ma' dak li fuqu s'issa, skont il-fatti li rrizultaw hemm indikazzjoni ta' x'verament setgha wassal biex issehh din l-ispluzjoni, u x'kien verament l-involviment ta' Maria Camilleri, f'dan kollu.

L-ewwel Qorti f'dan il-kaz, fil-konsiderazzjonijiet taghha, jidher car illi qabdet kongettura mill-affidavit tal-intimata qua appellanti biss u li permezz taghha tefghet dell ikrah fuq il-gist jew ahjar is-sugu ta' dak li verament kienet is-sitwazzjoni fil-familja Camilleri fil-kuntest ukoll ta' dak li kien jigri fit-triq in kwistjoni, cioe` Triq Had-Dghejf, fil-lokalita' tan-Naxxar, u ta' dak li verament riedet tistabbilixxi l-intimata permezz tad-dikjarazzjoni dokumentata u guramentata taghha u l-provi li resqet.

L-ewwel Qorti stabbiliet illi din id-dikjarazzjoni dokumentata u guramentata tal-intimata qua appellanti, mhijiex verosimili fic-cirkustanzi, u dan milli jidher, minghajr ma' evalwata sew fil-kuntest kollu taghha u dahlet fl-aspett ta' kredibbilta` *o meno* illi l-intimata qua appellanti verament ma kinitx taf b'xi hazna illegali ta' xi splussiv li kien hemm fil-*garage*, kif uriet ezattament u b'mod car fl-affidavit taghha.

Fil-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti qabel xejn, fir-rigward tal-ezaminazzjoni tal-provi rikorrenti, ikkonkludiet illi *'l-ispluzjoni in dizamina kienet wahda li titradixxi l-fatt li fir-residenza tal-intimata kien hemm mahzuna kwantita' ingenti ta' splussiv, jew ahjar nhar tal-festi.' Illi tenut kont ta' din il-kwantita' l-intimata qatt ma setghet tkun inkonsapevoli ta' dak li kien qed jigi mahzun f'dahra. Illi jidher li anke fl-istess, Inkjesta Magisterjali stabbilita wara l-istess spluzjoni ikkonkludiet li l-intimata kienet taf bl-esistenza tal-fabbrika tal-isplussivi li kien hemm fid-dar taghha.* (vide a fol. 6 tas-sentenza in prim istanza).

Hawnhekk, l-esponenti tirrileva illi minn imkien ma hareg jew irrizulta li fid-dar taghha, kien hemm mahzuna kwantita` ingenti ta' splussiv, u per di piu', anki fl-Inkjesta Magisterjali, li qatt ma giet ezebita f'dan l-istadju, qatt ma gie b'xi mod indikat jew inghata x'wiehed jifhem illi kien hemm mahzun dan l-ammont. In fatti, skont dak li gie stabbilit mill-esperti ballistici li gew appuntati f'din l-Inkjesta Magisterjali, **irrizulta b'mod car illi l-ispluzjoni sehhet fil-*garage* numru 25 formanti parti mill-fond 23 Triq Hal Dghejf, Naxxar, u illi fil-hin tal-ispluzjoni Paul Camilleri kien fil-*garage* u miet bl-ispluzjoni, liema spluzjoni, skont l-espert tal-Qorti l-Maggur Jeffrey Currni, kienet kawzata minn tahlita ta' nar tal-ajru maghruf bhala 'tal-berqa' u illi fil-hin tal-ispluzjoni, dan il-materjal accidentalment sploda. Hu zied li l-ammont ta' materjal li sploda ma kienx kbir u hu stima li kien hemm bejn 5 u 10 kilo ta' material li sploda. Ir-raguni ghal din l-opinjoni kienet il-kwantita` zghira ta' bicciet ta' murtali misjuba *fil-clearance operation.* Hu zied li l-hsara li sehhet permezz tal-ispluzjoni li saret kienet unikament kawzata bl-effett *tal-earthshock,* cioe` spluzjoni f'ambjent maghluq, milli minhabba kwantita` ta' materjal li sploda (Ara Fol. 144-150 tal-Inkjesta Magisterjali) Dan il-fatt, gie injurat mill-ewwel Qorti apparentament.**

**Jirrizulta wkoll fost id-debris li nstab mill-garage wara l-ispluzjoni, kien hemm xi tempijiet, zewg kontenituri ta' *oxidizing agent* u gharbiel.**

**Jinghad ghall-kompletezza illi fl-istess triq izda mhux annessi mad-dar, Paul Camilleri kellu zewg *garages* ohra fejn instabu murtali lesti. <u>Hemm provi konfliggenti jekk fil-vann ta' Paul Camilleri li kien quddiem id-dar fil-hin tal-isplużjoni kienx fih splussiv. Dan ittajjar faccata bl-isplużjoni u kien hemm tracci fih pero` ma rrizultax jekk fil-fatt kienx fih murtali. Instabu wkoll garages ta' terzi fl-istess triq li kien fihom kwantita" ta' murtali.</u>**

Fix-xiehda li l-Ispettur Taliana, pulizija investigattiv ta' quddiem l-ewwel Qorti, zied li fid-diskussjonijiet li saru mill-esperti u membri tal-Korp tal-Pulizija, mhux probabbli li dawn il-murtali kienu ilhom lesti jew stivati billi mhix il-prassi li jitlestew zmien qabel ma jkun hemm il-htiega ghall-uzu taghhom. Pero` ghalkemm il-festa tan-Naxxar kienet 'il boghod, xi jiem qabel tajjeb li wiehed jirrimarka li l-pajjiz kien ghadu kemm ghadda minn elezzjoni generali u ghalhekk kienet l-opinjoni taghhom li **dawn il-murtali kienu ser jintuzaw skont l-ezitu ta' din l-elezzjoni, haga li ma avveratx ruhha.**

L-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti kif jirrizulta b'mod car mill-premessi tar-rikors promotur hi li Paul Camilleri u martu Maria Camilleri kienu qed jahznu dan il-materjal.

**L-intimata qua appellant Maria Camilleri issostni bl-aktar mod car illi hi ma kinitx konsapevoli dwar dan il-fatt, u dan izjed u izjed jekk wiehed joqghod fuq dak li xehdet fuqu hi stess, fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, u fl-evalwazzjoni tal-provi l-ohra korraborattivi li gew intavolati, u li per korrettezza sejrin jigu ezaminati aktar 'il quddiem.**

Mill-provi intavolati mill-intimati, gie stabbilit u rrizulta b'mod car hafna illi Maria Camilleri ma kinitx tuza l-*garage*, u kienet tghaddi minnu biss meta jkun hemm ir-ragel jew meta jidhlu flimkien wara li jkunu hargu bil-karozza. Ir-raguni wara dan kienet id-dizabbilta` mentali ta' binhom li kien jinnecessita` li ma jithalliex jidhol fil-*garage* jekk mhux akkumpanjat, billi fil-*garage* gie ppruvat li Paul Camilleri kellu makni u ghodda ta' mastrudaxxa u

injam stivat fih peress li kellu s-sengha ta' mastrudaxxa li kien jipprattika *part time.* **It-tifel ta' Paul u Maria Camilleri, f'dan il-kaz, ma jistax jitkellem, pero` l-esponenti ma tistax tifhem kif il-mizuri prekawzjonali li kienu jiehdu ghalih, fir-responsabbilta' taghhom bhala genituri u tenut kont tal-kundizzjoni psikologika tieghu gew interpretati mill-ewwel Qorti bhala xi forma ta' difiza ghaliha sabiex tirkeb fuq l-emozzjoni biex tipprova tahbi xi haga. Is-sens ezatt wara dak li xehdet fuqu fl-affidavit taghha, kien purament, li t-tifel taghhom kien jirrikjedi attenzjoni l-hin kollu, u allura apparti li kienet unikament l-omm illi kienet taghti kaz ghall-ezigenzi giornalieri tieghu, kien hemm bzonn li fid-dar matrimonjali u specjalment fil-garaxx minhabba x-xoghol ta' zewgha, bhala mastrudaxxa, kellhom jittiehdu prekawzjonijiet specifici, li maghhom u per konsegwenza taghhom il-hajja matrimonjali, irrendiet ruhha talment impenjattiva fejn jidhol it-tifel li, l-omm spiccat separata in casa, minn dak li kien jispicca jaghmel ir-ragel taghha, fl-ispecifiku tal-hajja tieghu.**

*Inoltre*, huwa kardinali li jigi rilevat illi mill-indikazzjonijiet immedjati ta' wara l-ispluzjoni, irrizulta illi l-ammont ta' materjal pirotekniku misjub fil-*garage* kien **<u>minimu, facli jinheba f'post koncentrat, u mhux identifikabbli bhala tali jekk ma tkunx tas-sengha.</u>** Ma giex pruvat illi Maria Camilleri kienet tezercita din is-sengha jew hi mgharfa fiha. Gie ppruvat ukoll illi fil-hajja jew ahjar *fir-rutina giornaliera* taghha, Maria Camilleri ma kinitx tnaddaf il-*garage* jew tiehu hsieb il-kelb li kien ikun fil-*garage* u dan billi f'dik il-parti tad-dar, segregata mill-bqija tad-dar, **ma kellha ebda uzu ghaliha jew bzonn li tidhol fiha.** Il-*garage* kien segregat mill-bqija tad-dar b'bieb jissakkar, li c-cwievet tieghu kienu ghand zewgha biss.

**Xhieda ohrajn li intavolaw il-verzjoni taghhom in prim istanza fil-provi tal-intimata, hargu dawn il-punti ta' rilevanza:**

George Camilleri, tkellem fuq il-karattru ta' huh Paul Camilleri, u sostna li dan tal-ahhar kien bniedem ta' zaqqu

f'fommu minhabba li kien kollox ta' rasu. Il-konjugi Paul u Maria kellhom diversi problemi mal-girien, u huwa kien iservi ta' medjatur. **Dan il-fattur fil-fehma tal-esponenti, izjed jistabilixxi li l-girien kellhom kull interess minhabba dan l-antagonizmu li kien hemm bejn il-girien, li <u>jekk jaraw xi haga konnessa mal-manifattura tan-nar, jirrapurtawha jew iwaqqfuha b'xi mod.</u>**

Fedele u Margaret konjugi Camilleri, (Margaret, tigi oht Paul Camilleri) tkellmu fuq il-fatt li gieli kienu jibghatu lit-tifla taghhom Daniela, tilghab ma' Alan, it-tifel ta' Paul u Maria Camilleri. **Dan ma nahsibx li kien jigri kieku xi hadd minn tal-familja kien jissuspetta li Paul apparti d-delizzju tan-nar tal-art, kien jaghmel xi manifattura tieghu.** Tkellmu fuq il-fatt, li kull darba li marru d-dar ta' Paul u Maria u cemplu l-qanpiena, Maria Camilleri, **kienet dejjem tohrog tittawwal mit-tieqa ta' fuq il-bieb principali, ghax fin-normalita' taghha, kienet gustament, tqatta' hafna hin mat-tifel taghha, peress li kien ibati mill-kundizzjoni tal-awtizmu.** Cahdu li qatt raw jew semghu li Paul Camilleri kien jimmanifattura jew jahraq xi nar tal-ajru jew tal-art pero` irrimarkaw li kienu jafu li kien dilettant tal-gig-gifogu u li kien jarma l-gig-gifogu fi zmien il-festa. Meta kienu jaraw lil Paul Camilleri fil-garaxx ta' mad-dar, dan dejjem kien ikun bil-bieba wahda miftuha u gieli kien ihalli l-kelba marbuta fejn il-bieb tal-garaxx.

Victor u Josephine Gauci (Josephine, tigi oht Paul Camilleri) stabbilew li kienu jafu li Paul Camilleri kien dilettant tal-gifgifogu, pero` xahar qabel id-dizgrazzja, Victor kien mar jghin lil Paul Camilleri, peress li dan kien qed jirranga xi affarijiet strutturali fid-dar. Fl-ispecifiku huwa jsemmi, li mar jghinu fit-travu. **Hawnhekk, wiehed jista' jifhem ukoll allura ghala kien iqatta' hafna hin fil-garaxx formanti parti mid-dar matrimonjali, peress li kellu s-sengha ta' mastrudaxxa wkoll.** Victor jistabbilixxi wkoll b'mod car hafna, li kien jarah dejjem jahdem l-injam fil-garaxxijiet li Paul Camilleri, specjalment dak ta' mad-dar, u gieli kien hemm okkazjonjiet peress li kellu c-cwievet *spare*, tal-garaxx numru 80, li mar ghal gharrieda u fetah lil *meter reader*, minghajr qatt ma ra xejn

konnessa mal-manifattura tan-nar. Josephine, li tigi hu Paul Camilleri, stabbiliet fost affarijiet ohra li qablet mar-ragel taghha Victor fuqhom, illi gieli kienet iccempel Maria Camilleri, fid-dar taghha, u ssaqsiha ghal Paul. **Din Josephine kienet tiskanta, kif huha kien jaqbad u jitlaq minn post ghal iehor minghajr ma javza lil martu.**

Venera Scicluna u Alfred Camilleri, it-tnejn xehdu ghalkemm ftit kienu in kuntatt ma' huhom Paul Camilleri. Venera Scicluna tista' tghid kienet 'l iktar wahda vicin l-ispluzjoni, li resqet fejn id-dar matrimonjali li splodiet. Hija tistabbilixxi li kienet marret ghal xi l-10.30 a.m., nofs siegha qabel l-ispluzjoni, ghax kienet qieghda taghmlilhom il-purtieri lil Paul u lil Maria. Dak il-hin, in fatti, hija sabet lil Maria, is-soltu fuq fil-kamra tat-tifel, u lil Paul ma rathux u l-bieb tal-*garage* kien maghluq. It-trapass ta' ftit hin li kien hemm bejn il-visita ta' Venera u l-ispluzjoni, ikompli jsahhah l-eventwalita' li verament kienet dizgrazzja li kellha ssehh u mhux kif wiehed normalment jista' jahseb, fuq l-ewwel impatt, li dan Paul kien qed jimmanifattura n-nar fil-*garage* tieghu dak il-hin jew li kellu hazna kbira qeda stivata fil-*garage* seba' xhur 'il boghod mill-festa tal-Vittorja.
Is-socjeta` attrici qua appellata pprovat taghti x'tifhem illi dan il-*garage* kien jinzamm dejjem maghluq pero` fil-fatt ma tirrizulta ebda prova simili. Dak li jirrizutlaha *invece* hu illi Paul Camilleri kellu karattru stramb, ta' ghalih wahdu u ta' ftit diskors anki ma' familtu stess. Dan jirrizulta mhux biss mix-xiehda tal-familjari tieghu izda wkoll mill-process verbal innifsu fejn xehdu diversi persuni. Allura ma hemm xejn stramb fix-xiehda ta' martu li ma kinitx tkun taf zewgha kienx ikun fil-*garage* meta ma jkunx xoghol ma' Farsons, jew ikunx hareg bla ma qalilha, u ghalhekk kienet tikkomunika mieghu bil-mobile, *cioe`* messagg biex tghidlu li l-ikel jew it-te kien ikun lest, sabiex huwa jmur jiehdu fil-kcina.

Is-socjeta` attrici qua appellata ppruvat taghti interpretazzjoni oskura ghal stramberiji domestici jew attegjament u komportament li huma differenti f'kull

nukleju domestiku li ghalih jikkontribwixxu wkoll anki l-mentalita` tal-lokal fejn il-familja tkun trabbiet u ghexet.

Anki ghall-grazzja tal-argument, is-suspett li Maria Camilleri setghet kellha hjiel li zewgha ma kienx qed juza l-*garage* ta' mad-dar biss ghall-skopijiet ta' xoghol konness ma' mastrudaxxa mhux bizzejjed biex jirradici l-provi tal-komplicita`. Jirrizulta li Paul Camilleri qatt ma gie mharrek jew suspettat li jahdem in-nar illegalment. Din hija verament stramba u fl-istess hin importanti li wiehed jikkunsidraha, ghaliex bil-kwantita' ta' materjal li nstab fil-*garages* l-ohrajn fl-istess triq eskluz dak li fih originat l-ispluzjoni f'dan l-incident inkluz ta' terzi, hadd mill-girien ma ssuspetta xejn jew qatt irraporta. Dan jikkombacja ma' dak li xehed l-Ispettur Taljana, cioe` li hu probabbli tenut kont il-kwantita` li kien hemm ta' materjal splussiv fil-*garages* l-ohra li kienu fil-pussess ta' Paul Camilleri u l-fatt li fil-vicin kienet saret elezzjoni generali, x'aktarx li gara kien li dan il-materjal splussiv kien in transit ghal xi mkien iehor u sadattant gie depozitat u mohbi fil-*garage*. Hu mprobabbli li dan in-nar kollu nhadem fil-*garage* mad-dar ta' Paul Camilleri u gie stivat fil-*garages* jew li kienu ilhom jigu manifatturati fih. Wiehed irid jifhem u japprezza illi din hi triq residenzjali b'hafna residenti fiha. Mill-process verbali irrizulta li hadd mill-girien ma ra jew issuspetta li kien qed jigi manifatturat in-nar f'*garage* fi triq residenzjali. **Zgur li kieku dan kien ilu jsehh ghal zmien twil, xi hadd kien jinnota xi anomalija jew perikolozita' ta' dan it-tip u jirrapurtaha.** Ghalhekk hu verosimili illi dak li xehed l-ispettur Taljana kien ibbazat fuq il-probabbilta` ta' dak li verament sehh. **Jirrizulta illi anki fil-*garages* fejn instab in-nar mahdum, Maria Camilleri ma kellhiex access u hi tinnega li kellha xi konoxxenza dwarhom. Jigi rilevat ukoll illi mix-xiehda jirrizulta li Paul Camilleri hu dilettant u maghruf ghan-nar tal-art mhux ghal dak tal-ajru u kif intqal, fl-inkjesta Magisterjali hu facli li titfa' jew tattribwixxi htija fuq bniedem li ma jistax aktar jirrispondi lura. Fuq nota ahharija wkoll, huwa bil-wisq facli wkoll li wiehed jinsa' li l-ebda omm, responsabbli jew le, mhijiex ser thalli tali atti illegali u perikoluzi jkomplu jsehhu f'dahra, kieku din kien ikollha xi suspett fuqhom.**

**B) Ir-rilevanza legali u probatorja, tal-Inkjesta Magisterjali tat-22 ta' Mejju 2009 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti Istruttorja, li l-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza civili taghha, ikkunsidrat u bbazat id-decizjoni taghha fuqha, tenut kont ukoll tal-fatt li qabel xejn, dan id-dokument qatt ma gie esebit bhala prova fil-process gudizzjali tal-Avviz Nru. 3/2009SM, kif ukoll tal-implikazzjonijiet legali u fattwali li fid-dawl tal-gudizzju dan ghandu jkollu galadarba ghadhom ma nfethux proceduri ufficcjali fil-Qrati ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.**

Hija haga ghal kollox anomala u stramba f'din il-kawza, illi *nonostante* li l-Inkjesta Magisterjali **ma gietx ezebita bhala prova** fil-kawza tal-ewwel Qorti, din assumiet mid-dehra ukoll certa mportanza fil-konkluzjoni tar-responsabbilta` tal-intimata qua appellanti, Maria Camilleri.

Fil-kliem tal-ewwel Qorti skont il-konsiderazzjonijiet taghha, gie stabbilit illi: *Jidher li anke l-istess, Inkjesta Magisterjali stabbilita wara l-istess spluzjoni ikkonkludiet li l-intimata kienet taf bl-ezistenza tal-fabbrika tal-isplussivi li kien hemm fid-dar.*

Huwa fl-interess guridiku tal-esponenti li tibbaza ruhha fuq il-provi prodotti kemm mis-socjeta' attrici kif ukoll minnha bhala konvenuta, in prim'istanza. Pero` a skans, ta' kwalunkwe ekwivoku, rimarki *non veritieri* jew misinterpretazzjoni ta' fatti, ser ikollha f'dan l-istadju, tirrileva certi punti li verament hargu u gew stabbiliti permezz ta' tali Inkjesta Magisterjali.

a) L-Inkjesta Magisterjali, permezz tal-esperti ballistici tat indikazzjoni cara illi **l-ammont ta' materjal li sploda ma kienx kbir u hu gie stmat li kien hemm bejn 5 u 10 kilo ta' materjal li sploda. Ir-raguni ghal din l-opinjoni kienet il-kwantita` zghira ta' bicciet ta' murtali misjuba fil-*clearance operation*. Hu zied li l-hsara li sehhet kienet l-effett tal-*earthshock,* cioe` spluzjoni f'ambjent**

**maghluq, milli kwantita` ta' materjal li sploda (Ara Fol. 144-150 tal-Inkjesta Magisterjali). Fil-garaxx No 25, ta' mad-dar ta' Maria fejn jahsbu li saret l-ispluzzjoni l-esperti ikkonkludew li ma kienx hemm murtali stivati jew mahzuna, izda l-esperti jissopponu li kien hemm xi tip ta' xi splussiv 'tal-berqa' f'ammont zghir jew xi murtal fi process varju. Li kieku kien hemm il-murtali fil-garaxx, lil Maria kienu jigbulha l-attenzjoni ghax huma oggetti shah u ta' certu dimensjoni li jiehdu l-ispazju u b'forma u xebh partikulari. Kieku dan kien il-kaz, zgur kienet tintebah bihom, kemm hi kif ukoll haddiehor li jkun ghaddej u jara l-garaxx miftuh, izda materjal mhux mahdum bhal ma' kien fir-realta' ta' din is-sitwazzjoni, jista' jkun jitpogga f'ricipjent u anke' jekk tarah trid tkun tifhem fis-sengha tan-nar biex taghraf x'inhu, li mhux il-kaz ta' Maria.**

b) Hemm konfuzjoni kbira bejn id-dilettanti tan-nar, x'kien isir fil-verita' fir-rigward tan-nar tan-Naxxar in kwantu ghas-socjeta' Peace Band Club, il-Parrocca u l-involviment tal-Arcipriet fil-Kumitat Festi Esterni u dawk kollha li kien joghgobhom l-istorbju tal-festa. Min jghid li kien jinxtara, min jghid li kien jigi armat biss mid-dilettanti, minn dak u minn l-iehor. Ma nahsibx li f'dan l-istadju, sakemm ma jigux inizzjati proceduri ufficjali wiehed jista' jifhem x'gara ezatt f'din l-istorja fid-dawl tal-gustizzja. Iktar u Iktar, tohrog din il-konfuzjoni u habi ta' verita' meta l-Magistrat Inkwirenti fil-konkluzjonijiet taghha stabbiliet li meta gew ippressati dawn in-nies, kulhadd qisu beda jipponta subghajh lejn Pawlu, ghax ladarba miet, hadd ma kellu interess jidher fic-cirku jahraq tal-gustizzja.

c) Ir-residenti fil-vicinanzi tad-dar ta' Paul Camilleri, inkluz il-girien immedjati ta' fejn originat l-ispluzjoni, hadd ma qatt intebah b'xi haga konnessa mal-manifatturar jew mal-hzin tan-nar fil-garaxx formanti parti mad-dar matrimonjali ta' Paul u Maria Camilleri.

d) Il-manifatturar tan-nar mhuwiex xi haga sabiha ghal hadd, bhalma wiehed jista' facilment jgharaf. Pero`, il-familjari ta' Paul Camilleri, ghalkemm kulhadd irrileva li Paul kien dilettant tan-nar tal-art, u l-armar tieghu, peress

li kien mastrudaxxa tas-sengha setgha jinqala' ghall-immuntar tal-injam, imma qatt ma kienu bassru, li kien b'xi mod setgha beda jinvolvi ruhu fl-immanifatturar tan-nar konness mal-gig-gifogu kif allegaw xi xiehda, ahseb u ara l-immanifatturar tan-nar tal-ajru.

e) Wiehed qatt ma setgha jippresumi li Paul kien ikun regolarment qed jahdem in-nar fil-garaxx 25. George Camilleri, li kien jghaddi regolarment minn quddiem il-garaxx ta' Paul Camilleri, meta dan tal-ahhar kien ikun hemm, kien ikollu bieba wahda tal-garaxx miftuha, bil-kelba tal-kacca marbuta fil-fetha tal-bieba, u ma kellux *gate* quddiem ir-rampa, allura bniedem seta' jittawwal mill-bieba miftuha dirett ghal gewwa. U hadd ma kien jara xejn ghax ma kienx hemm x'tara. **Nahseb li dak li kien qed jaghmel dak inhar tal-incident kien haga ricenti.**

f) Maggur Curmi kkonkluda li fil-garaxx 6 u mhux fil-garaxx numru 25 li sploda, sabu kwantita' ta' materjal splussiv. Normalment, Paul Camilleri jekk ma kienx ikun xoghol ta' bil-lejl kien jiggaraxxja l-van fil-garaxx 6 regolarment. Wiehed ma jifhimx kif kien ikollu l-van bil-makna u *silencer* vampa u jdahhal il-van b'lura fil-garaxx bl-isplussiv qrib, meta l-van kien jidhol bl-ezatt. **Johrog verosimili li l-isplussiv li nstab fil-garaxx numru 6 wara l-incident, ma kienx ilu hemm, u jista' jkun li sakemm kellu jitnehha ma kienx qed jiggaraxxja il-van.**

g) Irrizulta wkoll b'mod inkonfutabbli, li fejn jirrigwarda n-nar tal-ajru n-Naxxar m'ghandhiex kamra tan-nar hlief ghal Kazin Victoria, ghaldaqstant id-dilettanti tal-Peace apparti li kienu jigbru l-fondi sabiex dan jinxtara minn bnadi ohra, kien qed ikun hemm diversi aspettativi u pika fejn jidhol esklussivament in-nar tal-art u **b'mod partikolari ghal immuntar u l-mekkanizmu li dan kien jinvolvi biex ikun ahjar u isbah minn tal-Kazin l-iehor.** B'danakollu, hemm hafna intricci, konoxxenzi u illegalitajiet, li meta wasalna <u>ghas-SI u n-NO fihom, kulhadd jinheba wara dellu u kulhadd jitfa' l-htija fuq min miet.</u>

Dawn il-fatturi kollha jindikaw b'mod car illi qabel xejn, l-Inkjesta Magisterjali taghti biss indikazzjoni li fuqha wiehed jista' jistrada l-proceduri kriminali u jasal ghal prova inkonfutabbli li minghajr margini ta' dubju, twassal biex fuq analizi ta' prova konkreta u cara, tillibera jew ticcerkja dak li fuqu jkun imressaq kwalukwe akkuzat. Il-fatti li hargu s'issa galadarba ghadu ma tressaq hadd, juru li sehhet dizgrazzja kagunata minn spluzjoni ta' materjal splussiv li sehhet fil-*garage* numru 25, li hadd qatt ma basar li seta' kien hemm din il-probabbilta' li sehh. *Oltre* minn hekk ma kinitx fl-interess tad-dilettanti tan-nar, li joqghodu jpacpcu fil-pjazza jew ma' tal-familja x'kien qed jigi ppjanat fejn jidhol il-hzin tan-nar, u per kwantu jirrigwara c-cirkustanzi familjari ta' Paul Camilleri, tenut kont ukoll tal-karattru tieghu u peress li kellu bniedem b'dizabbilta' specjali f'dahru, mhux ta' b'xejn li Maria Camilleri, martu, qatt ma ntebhet b'xejn.

**C) In-nuqqas ta' interpretazzjoni legali li l-Qorti tal-Magistrati, fil-kompetenza civili taghha, ma ghamlitx, tenut kont tal-artikoli 1327 (f) et sequitur, li ghandhom jirregolaw il-pozizzjoni legali tal-konvenuta qua appellanti, fid-dawl ta' dak li verament sehh f'dan l-incident.**

Illi dan il-kaz, zgur kien jimmeritalu interpretazzjoni legali, fid-dawl ukoll ta' dak li gie eccepit mill-intimata qua appellanti, *stante* illi gie rilevat *illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti stante li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe` hazna ta' nar fil-propjeta` fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b'xi mod ikkontribwiet b'negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta' rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista' jigi likwidat favur ir-rikorrenti, b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, a terminu tal-**artikolu 1327 (f) et sequitur tal-Kodici Civili.***

Ghal dawn il-motivi, l-esponenti jirrileva ghall-ahjar apprezzament ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, illi bhala punt ta' dritt, jekk jinstab illi Paul Camilleri hu responsabbli ghad-danni bhala rimedju civili, konsegwenza tal-ispluzjoni kawzata minn materjal splussiv manifatturat jew stivat minnu, tirrispondi ghalih il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u l-intimata Maria Camilleri **kemm-il darba tali indenniz ma jkunx dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda.** *(vide Artikolu* 1327( *Kodici Civili.)*

Bla dubbju dak allegat mis-socjeta` rikorrenti jinkwadra ruhu f'dan l-artikolu. Qed jigi allegat illi Paul Camilleri kkommetta reat, cioe` il-manifattura u/jew stivar ta' materjal splussiv bla licenzja adegwata u f'post projbit. Il-hsara konsegwenzjali, cioe' l-indenniz civili, **ma tirrispondix ghalih il-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jigix pruvat illi martu wkoll kienet komplici f'tali reat.**

Tali prova ta' komplicita' fir-reat trid issir mill-parti li qed tallegaha u trid issir b'mod konvincenti mhux merament fuq bazi ta' *suppozizzjoni jew prezunzjoni.* Kif gie insenjat b'mod car hafna, il-Qorti tal-Appell Inferjuri, fil-kawza **Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo et,** App. Inf. 17 ta' Ottubru 2008, *sitwazzjonijiet ipotetici bl-ebda mod ma jiskossaw il-punt bazilari li min jallega jrid jipprova.* Ziedet il-Qorti:

*"dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid twassal biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalita' ta' fatt bejn il-kondotta tal-agent u l-event dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilta" extrakontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw.*

*Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabilixxi s-sussistenza ta' dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta' kien l-awtur tad-dannu, u lanqas ghall-intivizzjoni proprja, anke*

*jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, invece, ghall-accertament ta' dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b'mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh."*

L-intimata qua appellant Maria Camilleri, tibqa' ssostni li din il-prova ma saritx fil-konfront taghha. Ic-cirkostanzi wara l-fatt dannuz ma jurux li Maria Camilleri kienet mhux biss konoxxenti tar-reat li qed isir izda li kkoperat f'tali dannu. Kif jghallem il-Giorgi - Obbligazioni -Vol. V, n. 192, pag 282 u 283 *"La complicita' civile e` piu estesa dalle penale ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamento stato o no concerto precedenti, sia o no possibile di determinare la parte di ciascun complice, <u>bastando il prendere parte anche secondaria</u> agli atti che preparono ed assicurarono l'offesa".*

F'dan il-kaz, anki *a tempo vergine* Maria Camilleri sostniet li hi mhux talli ma kkoperatx fil-hsara, ossia fil-manufattura jew uzu ta' materjal uzat fil-loghob tan-nar allegatament maghmul minn zewgha, izda lanqas kienet taf bih. Fil-fatt fil-mument tal-ispluzjoni hi kienet fuq in-naha ta' wara tad-dar u mhux fl-ambjent fejn sehhet l-ispluzjoni, cioe` fil-*garage* fil-parti ta' quddiem taghha u jirrizulta wkoll illi hi hasbet li l-hsara kien kagun saqaf tad-dar li hasbet li ceda billi recentement zewgha kien ghadu kif ghamel alterazzjonijiet strutturali fid-dar.

Qed jigi implikat mis-socjeta` rikorrenti li ma jistax ikun li Maria Camilleri ma kintix taf li qed isir manifattura tan-nar fil-*garage* ta' mad-dar meta hi toqghod fl-istess dar. *Prima facie* kollox hu possibbli u wiehed jista' jigi indott biex hekk jahseb pero` jridu jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li dawru dan l-incident, qabel ma jasal jattira konkluzjonijiet.

Apparti minn hekk, kaz bhal dan jimmeritalu aktar minn kwalunkwe kaz iehor li jigi ezaminat taht il-kappa tal-Qorti Kriminali biex jgharaf sew il-valur ta' kull prova u mhux

jibbaza ruhu fuq x'hemm s'issa, cioe` indikazzjonijiet u suppozizzjonijiet.

Fl-ahharnett, fid-dawl tad-dritt u tal-gustizzja, wiehed ghandu jifhem ukoll li l-intimata qua appellanti Maria Camilleri, zgur qatt ma bassret li r-ragel taghha, seta' qatt jghaddilu minn rasu, li jikkawza dizgrazzja bhal din, ahseb u ara li jwassal id-delizzju tieghu f'din l-estremita'. Is-sagrificcju li kienet tghaddi minnu qabel din it-tragedja, li setghet kienet akbar, kompliet issarraf f'hafna aktar sagrificcju lejn it-tifel taghha, li ghadu sallum ma jistax jifhem, x'gara u minn xiex kellha tghaddi ommu apparti li hija baqghet turi d-dedikazzjoni taghha u d-determinzzjoni li kellha minn dejjem fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, l-appellanti qieghda titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (sede civili) fis-26 ta' Ottubru 2010, fl-ismijiet ta' **MIB Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza ta' ditta estera Lloyds Underwriters vs Maria Camilleri f'ismiha proprju u b'digriet tat-2 ta' Frar 2009 gie nominat Dr. Patrick Valentine bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti ta' Paul Camilleri per Silvio Meli, u tirriformaha billi**

1. Tiddikjara u Tikkonferma illi l-intimata qua appellanti Maria Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita` numru 618663M, f'isimha proprju, mhijiex responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu u li frott ta' dan l-incident is-socjeta` rikorrenti nomina sofriet danni ammontanti ghall-tmint elef, erba' mija u ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8,401.88), kif ipprovat fil-mori tal-kawza, u dan inkluz l-ammont ta' mija u erbgha u disghin ewro u sebghin centezmu (€194.70), spejjez tal-perit kif dedott.

2. Konsegwentement, tilqa' t-tielet eccezzjoni taghha, cioe` illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta`

rikorrenti *stante* li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe` hazna ta' nar fil-propjeta` fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b'xi mod ikkontribwiet b'negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista' jigi likwidat favur ir-rikorrenti, b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, *a terminu* tal-**artikolu 1327 (f) et sequitur tal-Kodici Civili**.

3. Tirrevoka il-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur fil-konfront ta' Maria Camilleri u dan sa fejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat l-atti ta' din il-kawza gew imdahhla llum 17 ta' Novembru 2010 (fol 16).

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-atturi appellati ghar-rikors tal-Appell tal-appellanti datat 26 ta' Novembru 2010 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi l-appell jelenka tliet kapi ta' aggravji indikati bl-ittri A, B u C.

A. Illi dan l-aggravju tal-Appell odjern jattakka primarjament l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. Hija giurisprudenza kostanti li fuq apprezzament ta' fatti huwa biss f'kazijiet eccezzjonali u straordinarji li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisturba s-sejbiet li tkun ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. Fil-kaz odjern ma hemm xejn li ghandu iwassal lil din l-Onorabbli Qorti tiddisturba s-sejbiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-fatti f'dan il-kaz. L-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti kien korrett. Anzi jinghad li l-ewwel Onorabbli Qorti semghet bizzejjed xhieda kollha *viva voce* biex setghet

tifhem il-kaz u tasal ghad-decizjoni taghha. Huwa evidenti li l-ewwel Onorabbli Qorti meta semghet lil Maria Camilleri tixhed *viva voce* ma emmnithiex meta din stqarret li f'dawn is-snin kollha hi ma kenitx taf li zewgha kien qed jahzen materjal splussiv fil-*garages* tieghu. U dan meta rrizulta li hi kienet taf li hu kellu x' jaqsam man-nar.

Mhux korretta l-appellanti fejn tghid li l-ewwel Onorabbli Qorti tat importanza biss ghall-affidavit tal-appellanta. Il-Qorti tal-Magistrati kellha l-opportunita' unika u importanti li tisma' u tara lill-konvenuta tixhed *viva voce* u tirrispondi ghall-mistosijiet in kontro-ezami. Hi riedet lil Qorti temmen li meta kienet tkun id-dar u r-ragel kien ikun fil-*garage* hi kienet tikkomunika mieghu bil-mobile!! L-ewwel Onorabbli Qorti lill-konvenuta ma emmnithiex. U fl-Appell taghha l-konvenuta tipprova tnessi li kien hemm dan l-ezami importanti tal-kredibbilta` tal-konvenuta li sar *viva voce*. Huwa minhabba fl-importanza tal-valutazzjoni tax-xhieda *viva voce* li l-giurisprudenza hi kostanti li Qorti tal-Appell tista biss f'kazijiet eccezzjonali taghzel li tiskarta l-valutazzjoni tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. U dan ghaliex l-ewwel Qorti tkun munita aqwa biex taghraf il-verita' ghax ikollha l-vantagg li tara l-komportament tax-xhieda. Il-kaz ta' Sara Scazzi ma ghandu x' jaqsam xejn mal-kaz odjern.

Intant Maria Camilleri kienet taf li zewgha kien involut fin-nar. Hi tghid li kien involut fil-gig-gifogu u tipprova taghti l-impressjoni li ma kenitx taf x' fihom iz-zewg imhazen l-ohra li zewgha u hi kienu xtraw fl-istess triq. Din il-mara qatt ma tkellmet sakemm kellha l-flus dehlin minn din l-industrija li kellu zewgha.

B. Mhuwiex minnu dak li qed jinghad f'dan l-aggravju li l-ewwel Qorti ibbazat is-sentenza taghha fuq dak li nghad fl-inkjesta Magisterjali. L-ewwel Onorabbli Qorti semghet il-provi kollha hi u semghethom kollha *viva voce* biex b'hekk setghet taghmel apprezzament u setghet ukoll tara lil Maria Camilleri fuq il-pedana tax-xhieda biex b'hekk setghet ukoll b'mod aqwa tiddeciedi fuq il-kredibbilta' taghha u tax-xhieda l-ohra. Intant ukoll jigi rilevat li kontra dak li jinghad f'dan l-aggravju, il-Process tal-Inkjesta

Magisterjali qabel xejn hu process tal-Qorti li ghalih l-istess Qorti tal-Magistrati ghandha access u fit-tieni lok, gie prezentat bhala dokument f'dawn il-proceduri. Madanakollu il-provi instemghu ukoll *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti.

Dwar dan l-ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk :

**"Illi rigward l-allegata estraneata` tal-intimata mill-mod ta' hajja li kien jghix zewgha u mill-fatt li kien juza l-garaxx in dizamina bhala mahzen supplenti ghan-nar tal-festa li kien jahdem u jistiva, din il-qorti tirrespingiha u dan ghas-segwenti mottivi:**

**1. Illi l-istorja impengija fl-affidavit tal-intimati mhix verosimili;**

**2. Illi l-istess storja hi kontradetta mill-istess intimata meta f'nifs issostni l-estraenita` kompleta taghha u f'iehor tikkontradixxi lilha nnifisha; Illi ghaldaqstant din il-qorti ma tistax taghti kredibilita` ghall-istorja minsuga mill-intimata fejn anke sfortunatament tipprova tirkeb fuq l-emozjoni billi tistrieh fuq il-fatt li binha jsofri minn kondizzjoni xejn awspikabbli; Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-versjoni tal-intimata Camilleri billi tippekka fil-kredibilita` skont il-ligi;"**

Illi meta fl-Appell taghha l-Appellanti tezamina ir-rizultanzi tal-inkjesta, komodament tiskarta l-aktar parti mportanti tal-inkjesta u cioe` is-sejbiet u konkluzjonijiet taghha. Il-konkluzjonijiet tal-inkjesta huma s-segwenti :

**A fol 168 jinghad li "bla dubju ta' xejn irrizulta b'mod car u skjattanti li Pawlu Camilleri kellu fabbrika tan-nar illegali gewwa Triq Hal-Dghejf'**

**A fol 170 jinghad li "Ghalkemm insistenti li qatt ma kienet taf x'qieghed jigri fil-*garage* tad-darha, (Maria Camilleri) m'eskludietx li hija kienet taccedi ghad-dar gieli mill-istess *garage* fejn sehhet l-ispluzjoni, kif ukoll titma' lill-kelb tal-familja.... Harget b' verzjoni**

**redikola li tant hija ma kellhiex access ghall-*garage*, li hi u zewgha, waqt li zewgha kien ikun fl-imsemmi *garage* kienu jikkomunikaw bl-SMS's ma' xulxin."**

**A fol 171 jinghad "Fil-kaz ta' Maria Camilleri kif gia esprimiet ruhha l-Inkwirenti, thoss li din ma setax ma kenitx konsapevoli ta' dak li kien qieghed jirrikorri f' darha. Pero' f'dan ir-rigward, jinhtieg aktar investigazzjonijiet tal-Pulizija."**

**Jigi b'hekk rilevat li skont l-Inkjesta Magisterjali, Maria Camilleri kienet taf bl-esistenza ta' din il-fabrika tan-nar god-dar matrimonjali taghha u l-istess inkjesta ordnat lill-Pulizija jaghmlu aktar stharrig. Dan il-fatt ghalhekk zgur li gie pruvat ghall-anqas sal-grad tal-probabbilta`.**

Illi dan il-kaz bhala kazi l-ohra civili, fih aspett legali u iehor fattwali li jridu jigu ezaminati.

L-ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tkun aktar cara minn hekk. U ghalhekk dan l-Appell ghandu jigi skartat ghax primarjament huwa Appell bazat fuq kritika tal-apprezzament tal-fatti.

C. L-appellant qed jipprova f'dan l-aggravju jaghti xejra ohra ghal dak li gie allegat u pruvat mill-atturi. L-atturi ma qalux li l-hsara saret minn Paul Camilleri u la saret minnu ghandha terfa' ukoll ir-responsabbilta` martu peress li hi ghandha sehem mill-komunjoni tal-akkwisti. F' din il-kawza l-atturi allegaw u ppruvaw li l-konvenuta appellanti personalment (u mhux *tramite* zewgha) kienet taf u ppermettiet li f'darha jkun hemm hazna illegali ta' materjal splussiv. Hekk gie ippruvat u hekk emmnet l-ewwel Onorabbli Qorti. U wiehed irid jiftakar li fil-kamp civili il-prova tkun bizzejjed jekk maghmula sal-grad ta' bilanc ta' probabbilta`. Mela l-ewwel Onorabbli Qorti, bir-ragun sabet li fuq bilanc ta' probabbilta` Maria Camilleri kienet qed tippermetti li f'darha ikun hemm hazna illegali ta' materjal splussiv. Il-fatt li Maria Camilleri kienet taf li hemm dan il-materjal u ma ghamlet xejn biex tnehhih jitfa'

responsabbilita` fuqha ghal din l-ispluzjoni li sahansitra qatlet persuna innocenti.

L-appellanti tghid li jkun aqwa jekk kaz bhal dan jigi mgharbel u ezaminat fil-kamp kriminali sabiex wiehed jasal biex jara jekk hemmx fejn Maria Camilleri tigi misjuba hatja civilment. Il-ligi pero’ trid ezatt il-kuntrarju ta’ dak li qed tispera l-appellanti. Il-ligi trid li anke jekk fuq grad ta’ prova kriminali ma jkunx hemm prova sufficjenti ghal prosekuzzjoni jew sejbien ta’ htija, xorta wahda fil-kamp civili l-kaz ikun pruvat sufficjentement jekk tkun saret il-prova fuq bilanc ta’ probabbilta`. Hekk gara f’dan il-kaz.

L-appellanti taccenna ghal dak li kien jaghmel zewgha bhala delizju - dan pero’ ma kien delizzju xejn; kienet industrija illegali li kienet qed issir minghajr permess u b’ periklu evidenti ghat-triq kollha. Gie pruvat fuq bilanc ta’ probabbilta’ li Maria Camilleri kienet qed tahzen ukoll in-nar fil-*garages* taghha u gie pruvat li hi kienet taf b’kollox. Ghalhekk dak li jinghad fl-**Art. 1327 (1)** mhuwiex rilevanti ghal kaz odjern.

L-appellanti tipprova tistahba wara l-bzonn specjali li ghandu binha li hu awtistiku - allahares kull min ghandu tfal bi bzonnijiet specjali jista jehles mir-responsabbiltajiet tieghu b’mod daqstant facli u jaghmel il-hsara li ghamlet din il-mara lit-terzi ta’ madwarha. Huwa evidenti li sakemm kienu dehlin il-flus mill-manifattura tan-nar b’mod illegali din il-mara ma hassitx id-dover li tagixxi. Issa trid tbellaghha lil kulhadd li ghal dawn is-snin kollha hi ma kenitx taf b’din l-attivita` illegali li zewgha kien qed jaghmel proprju go darha u taht imnehirha. L-ewwel Onorabbli Qorti rat u semghet lil Maria Camilleri *viva voce* - u l-ewwel Onorabbli Qorti ma emmnithiex - ma hemm ebda raguni ghala din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tiddisturba is-sejbiet tal-ewwel Qorti kif bazati fuq il-fatti li semghet dik il-Qorti. Dik il-Qorti apprezzat b’mod korrett il-kredibbilta’ tax-xhieda kollha inkluza dik ta’ Maria Camilleri. Il-Qorti kellha opportunita` tara lil Maria Camilleri *viva voce* in kontro-ezami.

**Illi intant il-fatti tal-kaz huma is-segwenti:**

Illi fit-12 ta' Marzu 2008 Paul Camilleri u martu Maria kienu qed jahznu n-nar illegalment fi propjeta` gewwa Triq Hal- Dghejf fin-Naxxar.

Illi l-propjeta` fejn kien mahzun u qed jinhadem dan in-nar tigi ezatt fuq il-propjeta` ta' Edward Bugeja li qieghda numru 7 Hacienda, Triq Hal-Dghejf, Naxxar.

Illi n-nar illegali mahzun minn Paul Camilleri u martu Maria Camilleri sploda u ghamel hsarat kbar fid-dintorni u ghamlet hsarat fid-dar ta' Robert Runza cioe` 7, Sqaq 14, Triq Santa Lucia, Naxxar u partikolarment fil-pixxina tal-istess Robert Runza.

Paul Camilleri miet fl-incident u halla warajh lil martu Maria Camilleri u lil ibnu Alan Camilleri. Fl-incident mietet ukoll persuna nnocenti ohra.

Illi Robert Runza kien assikurat mal-atturi *nomine*.

Illi l-atturi a bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni hallsu lill-istess Robert Runza s-somma ndikata mix-xhud Jean Zammit li pprezenta dokumenti sabiex jissostanzja dan il-fatt. Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-hsarat li l-atturi kellhom ihallsu lill-asikurat taghhom.

Illi a bazi ta' dan il-hlas l-atturi gew surrogati fid-drittijiet ta' Robert Runza kontra kull minn jista' jkun responsabbli ghall-incident *de quo*.

Illi jigi li l-atturi sofrew danni fl-ammont indikat u dan minhabba negligenza, imperizja, nuqqas ta' tharis tal-ligi u tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

A bazi ta' dawn il-premessi huma talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobaha :

Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu 2008 u li permezz tieghu Robert Runza sofra hsarat fil-propjeta` tieghu.

Tiddikjara li frott ta’ dan l-incident l-atturi sofrew danni ammontanti ghal tmint elef erba’ mija u euro wiehed u tmienja u tmenin centezmu (€8,401.88).

*Stante* s-surroga tal-atturi fid-drittijiet ta’ Robert Runza tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ €8,401.88.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta’ Gunju 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru bl-interessi legali.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti l-fatti kollha fuq indikati gew pruvati sufficjenetment fil-ligi u ghalhekk it-talbiet maghmula ghandhom jintlaqghu fil-konfront ta’ Maria Camilleri.

**Il-fatti kif hargu mill-provi u mill-Inkjesta maghluqa fit-22 ta’ Mejju 2009.**

Gie pruvat illi fid-dar matrimonjali tal-konvenuta sehhet spluzjoni li permezz taghha iggarrfu tlett idjar u sofrew hsarat djar ohra; wahda mid-djar li sofrew hsarat kienet dik ta’ Robert Runza u martu. Bl-istess spluzjoni mietet mara - dan il-mewt pero’ ma jinfluwixxix fuq il-mertu ta’ din il-kawza hlief sabiex juri s-serjeta` ta’ dan l-incident u sabiex juri wkoll kemm kienet kbira l-culpa (u /jew negligenza) li wasslet ghal dan l-incident.

Gie pruvat ukoll li din l-ispluzjoni sehhet peress li r-ragel tal-konvenuta certu Paul Camilleri kellu fabrika illegali tan-nar fil-*garage* li jifforma parti integrali mid-dar matrimonjali tieghu u ta’ martu l-konvenuta. Gie pruvat li dan il-*garage* jinfed u huwa parti integrali mid-dar matrimonjali.

Gie pruvat ukoll li barra fabrika tan-nar fil-*garage* li sploda, il-konjugi Camilleri kellhom ukoll hazna kbira ta’ nar mhux mahruq. Hemm possibilita’ li dan in-nar kien ser jintuza biex jinharaq b’ konnessjoni mal-elezzjoni generali li kienet saret jiem qabel l-incident.

Gie pruvat li Paul Camilleri ir-ragel tal-konvenuta u l-konvenuta kellhom zewg *garages* ohra li fihom instabet hazna kbira tan-nar. Terzi persuni, li ukoll instabet ghandhom kwantita' ta' nar fil-vicinat, stqarrew mal-pulizija li kienu qed izommu dik il-hazna ghandhom ghall-istess Pawlu Camilleri - issemmiet persuna li fil-fatt kienet tahdem Farsons ma' Pawlu Camilleri.

Gie pruvat ukoll li Maria Camilleri kienet tidhol u tohrog ghad-dar taghha mill-bieb tal-*garage* li sploda.

Gie pruvat permezz tas-sejbiet tal-Inkjesta Magisterjali illi Pawlu Camilleri kellu zewg applikazzjonijiet mal-Pulizija wahda kategorija C u l-ohra B sabiex jghin fil-fabbrika tan-nar u sabiex jahraq in-nar. "Dok PPZ 2" - fol 5 tal-Inkjesta **(il-pagni citati minn hawn 'il quddiem huma mill-Inkjesta Magisterjali).** Paul Camilleri kellu wkoll permess tal-Pulizija biex jahraq in-nar minn fuq il-Kazin - fol 12 ta' Inkjesta. A fol 16 tal-Inkjesta jirrizulta li lil Maria Camilleri zelqitilha bi zball li **"Huma kienu jidhlu u johorgu mill-garaxx il-bicca l-kbira," pero` ezatt wara li qalet dan kienet pronta tikkoregi ruhha u tghid "pero` hija kienet dejjem tohrog mill-bieb ta' barra."**

Mill-garaxxijiet kienu inhargu zewg trukkijiet ta' materjali splussiv - dan kollu jiswa l-flus u Maria Camilleri trid tbelleghha lil kulhadd li dawn ma kenitx taf bihom. Fol 17 tal-Inkjesta. Pero` hi qalet li kienet tidhol u tohrog bil-karrozza minn hemm. Ma jistax ikun li hi ma kenitx taf bil-fabbrika tan-nar li kellu zewgha u bl-attivita' perikoluza tieghu.

Gaetano Sammut fol 17 u 18 tal-inkjesta jghid li Pawlu Camilleri tella' il-hitan tal-appogg ghal madwar xi tmienja jew disa' filati, disgha u disghin fil-mija sabiex hu jkun jista' jnixxef il-porvli fuq il-bejt. Mhux hekk biss, izda wara l-hruq tan-nar il-klikka ta' Pawlu kienu icapcpulu u jghidulu kemm kien mar tajjeb in-nar. Gaetano Sammut jghid li kugin ta' Pawlu Camilleri kien jghid ma' nies tax-xoghol il-Bank li Pawlu kien ser jaghmel xi wahda. U jekk il-kugin kien jaf, kemm allura hu aktar verosimili li kienet taf il-mara ukoll - fol 19 u 20. Anthony Muscat fol. 40 jghid li kien ilu jsir

paroli li Pawlu kien qed jahdem in-nar bejn seba’ u tmien snin.

A kuntrarju ta’ dak li tghid Maria Camilleri, meta xehed David Sammut fl-inkjesta, dan jghid li Pawlu Camilleri kien jiehu hsieb in-nar tal-ajru mhux tal-art - fol 42.

Joseph Buhagiar fl-inkjesta xehed li “huwa kien ra xi kanen wara l-bieb tal-garaxx ta’ Pawlu Camilleri, u dawn kienu madwar tlieta. Kompla jghid li fil-garaxx ma kien hemm l-ebda ghodda tal-injam u li jiftakar biss li kien hemm bank tal-ghodda. Huwa kkonferma li gie li kien ra lil mart u iben Pawlu fil-garaxx.” Fol 56. Maria Camilleri tipprova taghti l-impressjoni li fil-*garage* ma kienet tidhol prattikament qatt.

Fol 71 - mix-xhieda ta’ Vicky Bugeja irrizulta li Pawlu Camilleri kien waqaf jahdem l-ghamara xi seba’ snin qabel l-incident. Ghalhekk jekk mhux biex jahdem in-nar ghal xiex kien joqghod hin twil fil-*garage* Pawlu Camilleri? Joseph Buhagiar xehed li ma kien jara ebda ghodda tal-injam fil-*garage*.

Fol 86 - Gejtu Sammut jghid li Kevin Azzopardi kien qallu li persuna li tahdem Farsons (fejn kien jahdem ukoll Pawlu Camilleri) kienet dahlet ghand Pawlu Camilleri biex issewwilu l-*washing machine* u meta dahal ra hafna murtali, beza’ mill-periklu u telaq il-barra.

Illi anke Victor Gauci li joqghod ghaxar bibien boghod mill-konvenuta kellu mahzun in-nar ghandu - mart Victor Gauci tigi oht Pawlu Camilleri. Huwa evidenti ghalhekk li din il-familja kienet involuta sew f’dan il-kummerc li ovvjament kien ukoll ihalli xi qligh. Hu ghalhekk li dak li xehdu il-familjari tal-konvenuta ghandu jitqies b’ suspett kbir.

**Illi l-konvenuta Maria Camilleri a fol 101 jirrizulta li qalet li biex issejjah lir-ragel ghall-ikel meta dan ikun fil-*garage* kienet tibghatlu SMS u ma kenitx tmur tghidlu personalment** - issa dan l-anqas ma hu possibbli ghax fejn jinhadem in-nar ma jistax ikun hemm *mobiles*

ghax dawn jistghu joholqu *sparks*. Ghalhekk f’kull probabbilita’ Pawlu Camilleri ma kienx ikollu *mobile* fuqu.

Illi rapport li sar mill-Profs Alfred J. Vella (Dok AJV) fol 131 tal-Inkjesta jikkonkludi li l-ispluzjoni li qerdet id-djar grat minhabba f’injezzjoni accidentali ta’ materjal pirotekniku splussiv li kien jinsab fil-garaxx tad-dar ta’ Camilleri. Il-forza tal-ispluzjoni ma kinitx necessarjament kbira hafna imma sufficjenti sabiex tisposta l-hitan sal-punt li is-soqfa setghu icedu u jaqghu taht il-forza tal-gravita. Fol 132. Jigi rilevat pero` li dan ma jfissirx pero` li kien hemm ftit splussiv - kien hemm bizzejjed li jcaqlaq il-hitan. Il-bini ta’ Camilleri iggarraf direttament minhabba fl-ispluzjoni. Mill-garaxx tal-ispluzjoni inhargu tempijiet vojta, kontenituri ta’ *oxidizing* agent u gharbiel - cioe’ kien hemm paraphernalia assocjata ma’ xoghol ta’ piroteknika. Fol 133. Hu zgur ukoll li kien hemm stillel mahduma perss li dawn immarkaw il-hajt. Giet eskluza l-possibilita` ta’ hruq ta’, tank tal-gass. Huwa evidenti li hemm ma kienx hemm *workshop* ta’ matrudaxxa izda fabrika shiha illegali ta’ loghob tan-nar. In-nar prodott kien jittiehed bil-karrozza ta’ Pawlu Camilleri stess ghal gol-imhazen l-ohra tieghu.

Fil-fatt gie pruvat ukoll illi l-”pick up” Daihatsu BDI-072 propjeta` tal-familja Camilleri kien mghobbi bi splussiv u ammont konsiderevoli ta’ materal iehor uzat fil-komposizzjoni tal-isplussivi - dan sploda ftit wara l-ewwel spluzjoni u dan minhabba l-gmamar li kien hemm fol 133. Kif gia inghad kien hemm ukoll garaxxijiet ohra ta’ Pawlu Camilleri bl-isplussiv li juru li dan il-*garage* ta’ mad-dar matrimonjali kien biss holqa f’katina ta’ attivita illegali - fol 134. Gie wkoll stabbilit li l-ispluzjoni saret fil-qrib ta’ fejn kien Pawlu Camilleri, li fil-fatt kien fil-*garage*.

Irrizulta wkoll li l-materjal li kellu ghandu Pawlu Camilleri kien jiswa hafna flus fol 146 *footnote* - zgur li bil-paga li kellu ma setax dahhal triq shiha f’dan ir-riskju biss bhala delizzju. Ukoll ma setax ikun li martu ma kienet taf b’xejn dwar dan l-infieq jew dwar il-bzonn li jinxtraw zewg *garages* ohra. Ma setax ikun li Maria Camilleri ma kenitx konxja minn din l-attivita’ finanzjarja.

Ir-rapport tal-Maggur Jeffrey Curmi jitfa’ dawl ukoll li jghin lill-Onorabbli Qorti f’din il-kawza - fol. 146 – f’paragrafi “g” u “h” - jirrizulta li hemm provi li juru li l-garaxx fejn saret l-ispluzjoni kien jintuza ghall-manifattura tal-loghob tan-nar. “Dan juruh : l-ispluzjoni nnfisha, ir-riha mal-wasla, il-hsejjes li baqghu jinstemghu ghal ftit hin wara l-ispluzjoni, il-materjal kollu li nstab fuq il-post tal-incident: gharbiel, spag, cilindri tal-gass, kanni, tankijiet tal-Potassium Chlorate, “precursors”, murtal splodut, etc.” fol 147.

Huwa mpossibbli li l-mara ma rat xejn stramb f’dan il-materjal meta kienet taf li zewgha kien involut fin-nar!. “Il-materjal li ghamel dik il-herba kienet it-tahlita tal-berqa, u dan juruh: it-tip ta’ feriti li sofrew Mr. Camilleri u l-kelb, il-*fragments*, materjal relatat mat-tahlita tal-berqa kif ukoll l-effetti li jaghmel splussiv “high” i.e. “detonation, mhux bhal maggorparti tal-isplussiv iehor li normalment jintuza ghal manifattura tal-loghob tan-nar.” “Il-fatt li r-rigel tax-xellug instab fit-triq filwaqt li l-kumplament ta’ gismu nstab fil-propjeta` tal-gar Mr. Bugeja juri probabbilta` kbira li Mr. Camilleri kien jinstab dahru lejn in-naha tad-dar ta’ Mr. Bugeja meta sehhet l-ispluzjoni”. “L-esponent hu tal-opinjoni li l-ispluzjoni giet kawzata minn total ta’ madwar 5 -10 kilogrammi ta’ splussiv tal-berqa” fol 149. Fol 153 jirrizulta li ricetta ta’ 1.9 kg gia huwa ta’ periklu ferm kbir. Il-kimika li nstabet fil-Peace Band Club hija l-istess bhal ma instabet ghand Pawlu Camilleri. fol 154.

“Mr. Camilleri kellu speci ta’ fabrika tan-nar fi Triq Hal-Dghejf: Il-garaxx fejn sploda kien il-*workshop*, garaxx 6 kien il-mahzen, fil-waqt li garaxx numru 80 kien jintuza ghall-pressa” fol 150. Huwa ovvju li Pawlu Camilleri kien hazin bizzejjed li taht id-dar tieghu ma jzommx il-kwantita` ta’ splussiv - hu ma riedx jorqod b’ bomba tahtu, ghalhekk dik poggiha x’ imkien iehor. Tahtu pero’ kellu fabrika fejn kien jipproduci l-bombi, anke dawk l-aktar perikoluzi - u dwar dan il-mara trid tballaghhilna li ma kienet taf xejn b’din l-operazzjoni. Kienet tidhol fil-garaxx, imma kif uriet fuq il-pedana tax-xhieda kienet izzomm wicca dritt u ma thares b’ebda mod lejn il-gnub, ma jmurx tara x’qed jaghmel zewgha!!. L-esponent jirrileva li x-xhud Maria Camilleri waqt ix-xhieda taghha ghamlitha cara li turi lil

Qorti kif kien ikun wiccha meta tidhol u tohrog mill-garaxx - dritt u bla ma jhares lejn il-gnub.

Fol 160 l-Inkjesta tikkonkludi li din l-inkjetsa kienet “karatterizzata minn sensiela ta’ gideb u habi volontarju tal-verita`”.

Il-Magistrat Inkwerenti tindika li meta marret fuq il-post semghet diversi nies jghidu li kienu jafu li Pawlu Camilleri kien jahdem in-nar (fol 161 tal-Inkjesta) - mhuwiex verosimili li kienet martu biss li ma kenitx taf li Pawlu Camilleri kien qed jahdem in-nar fid-dar. Mhux verosimili li hi ma kenitx taf ghal xiex zewgha (impjegat semplici) kellu bzonn jixtri zewg *garages* ohra ma’ dak li kellhom mad-dar u fl-istess triq.

A fol 161 jinghad “Kienu fil-fatt l-istess nies il-mejjet Pawlu Camilleri, ghalkemm neganti ebda xjenza ohra, li ndikaw lil Magistart Inkwerenti u lill-Maggur Curmi garaxxijiet ohra fil-pussess ta’ Camilleri, liema garaxxijiet irrizulta li kienu wkoll qeghdin jintuzaw ghax-xoghol u l-produzzjoni ta’ piroteknika u ghall-hazna taghhom.”

A fol 168 jinghad li “bla dubju ta’ xejn irrizulta b’ mod car u skjattanti li Pawlu Camilleri kellu fabbrika tan-nar illegal! gewwa Triq Hal-Dghejf

A fol 170 jinghad li “ghalkemm insistenti li qatt ma kienet taf x’qieghed jigri fil-*garage* tad-darha, (Maria Camilleri) m’ eskludhietx li hija kienet taccedi ghad-dar gieli mill-istess *garage* fejn sehhet l-isplujoni, kif ukoll titma’ lill-kelb tal-familja.... Harget b’verzjoni redikola li tant hija ma kellhiex access ghall-*garage*, li hi u zewgha, waqt li zewgha kien ikun fl-imsemmi *garage* kienu jikkomunikaw bl-SMS’s ma’ xulxin.”

A fol 171 jinghad **“Fil-kaz ta’ Maria Camilleri kif gia esprimiet ruhha l-Inkwirenti, thoss li din ma setax ma kenitx konsapevoli ta’ dak li kien qieghed jirrikorri f’ darha. Pero’ f’dan ir-rigward, jinhtieg aktar investigazzjonijiet tal-Pulizija.”**

Jigi b’hekk rilevat li skont l-Inkjesta Magisterjali, Maria Camilleri kienet taf bl-esistenza ta’ din il-fabrika tan-nar god-dar matrimonjali taghha u l-istess inkjesta ordnat lill-Pulizija jaghmlu aktar stharrig. Dan il-fatt ghalhekk zgur li gie pruvat ghall-anqas sal-grad tal-probbabbilta’.

Illi dan il-kaz bhala kazi l-ohra civili, fih aspett legali u iehor fattwali li jridu jigu ezaminati.

**Dwar l-aspett fattwali** il-kaz huwa imsejjes fuq jekk ghandhiex tigi emmnuta Maria Camlleri li qalet li ma kienet taf b’ xejn dwar l-attivita’ ta’ zewgha fil-*garage* li jinfed mad-dar - liema attivita` hi konnessa mal-manifattura tal-bombi jew huwiex aktar verosimili li hi kienet taf b’ din l-industrija li kienet tikkomprendi mhux biss dan il-*garage* izda wkoll zewg *garages* ohra li hi u zewgha kienu xtraw fl-istess triq. Jigi rilevat li f’kawza ohra fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li wkoll il-mertu ewlieni taghha hu r-responsabbilita` tal-ispluzjoni mertu ta’ din il-kawza - (fl-ismijiet **MIB Insurance Brokers Malta Limited pro et noe v Maria Camilleri pro et noe** Citaz 928/08 GCD u tinsab differita ghas-sentenza ghal 11 ta’ Jannar 2011), il-konjugi Bugeja li tilfu kollox jikkonfermaw li Maria Camilleri kienet tuza l-bieb tal-*garage* biex tidhol fid-dar taghha. Maria Camilleri - taf li jekk jirrizulta li x’aktarx kienet taf li zewgha kien qed jahdem u / jew izomm in-nar allura hi ser tigi implikata civilment bhala kawzatrici tal-incident minhabba f’negligenza u jekk dan jirrizulta l-hemm mid-dubju dettat mir-raguni allura l-implikazzjoni taghha ma tkunx biss wahda ta’ natura civili izda anke kriminali

Huwa possibbli li l-provi mhumiex b’sahhithom bizzejjed sabiex jittiehdu passi kriminali kontra din il-mara - il-Pulizija, forsi anke ghaliex hassew ghal din il-mara u aktar u aktar ghal binha (li jbati minn awtizmu), u forsi anke ghaliex konxji li dan it-tifel tilef lil missieru u issa ma jistax jitlef ukoll lil ommu - l-uniku *carer* tieghu - iddecidew li ma japprofondux l-istharrig ghal skop kriminali.

<u>Izda huwa car anke mis-sejbiet tal-inkjesta li fuq bilanc ta’ probabbilta’ huwa evidenti li din il-mara kienet taf bil-</u>

fabbrika u hazna tan-nar fid-dar matrimonjali taghha u ma ghamlet xejn.

Din il-mara ppuvat tballaghhha lill-Qorti

• li meta tidhol mill-*garage* (u ma cahditx, anzi ammettiet li kienet taghmel hekk) ghal god-dar kienet thares dritt u ma tara xejn; pero` ghall-anqas taf il-kulur tal-*garage* - u taf ukoll li ma kienx hemm madum.

• li fid-dar kollha kien hemm cavetta wahda biss ghall-*garage* u din kienet tkun dejjem ghand ir-ragel li kien isakkar meta ma jkunx hemm;

• li l-bieb bejn il-*garage* u d-dar ukoll kien imsakkar b'cavetta u li ma kienx hemm kopja wahda ohra fid-dar kollha ta' din ic-cavetta;

• li qatt ma naddfet il-*garage* jew storjat xi haga fih

• li ghalkemm kienet taf li huma jaqilghu biss Lm140 fil-hmistax ir-ragel xtara zewg *garages* ohra faccata tad-dar u ma qalilhiex ghal xiex xtrahom u ghal xiex kellu bzonnhom. U dan meta ghandhom biss karrozza wahda u gia kellhom *garage* mad-dar matrimonjali. Ma qalilhiex l-anqas minn fejn gab il-flus.

• li zewgha xtara zewg *garages* faccata tad-dar u li hi qatt ma dahlet fihom l-anqas b'kurzita'.

• li mara li jkollha tifel bl-awtizmu allura ma tati kaz xejn x' qed jaghmel zewgha u dan f'21 sena mizzewgin.

**Il-lat legali** wkoll ma jikkonfortax lill-konvenuta. Huwa car li l-konvenuta ppruvat tiddisassocja ruhha mill-*garage* pero' iz-zelu taghha li taghmel dan jikxifha fil-gidba taghha. Ma jistax ikun li ragel jixtri zewg *garages* meta gia kellu wiehed mad-dar matrimonjali u l-mara ma tkunx komplici fix-xiri u ma tkunx taf ghal xiex inxtraw u ghal xiex ser jigu uzati. Dan mhux xi ragel li jinnegozja fil-bini jew li jgemma' il-bini. Dan ragel tax-xoghol li ghandu biss karrozza wahda (anzi vann - li kien jintuza ghal garr tan-

nar) - zgur li l-mara kienet taf u tobsor ghal xiex kienu ser jintuzaw u ghal xiex fil-fatt kienu jintuzaw dawn il-*garages* kollha. Dan ir-ragel kellu fabbrika tan-nar u din kienet taghmel il-qligh li serva wkoll sabiex jinxtraw dawn il-*garages*. Sakemm kien gej dan il-qligh allura kollox kien normali ghal din il-mara li ovvjament hadet gost bil-flus zejda li kienu dehlin. Dan ir-ragel kellu paga biss ta’ Lm70 fil-gimgha. U b’paga bhal dik ma jistax ikollok il-lussu li tixtri skoss *garages* ghal xejn u li ma tatix sodisfazzjon lil martek ghal xiex ser tixtri u minn fejn qed iggib il-flus. Issa jekk il-mara kienet qed taghlaq ghajnejha ghax sakemm jidhlu l-flus allura “ma ghandix ghalfejn inkun naf x’attivita` qed jaghmel zewgi fid-dar matrimonjali” allura wkoll dik ukoll hija culpa.

Kull persuna ghandha tkun taf x’perikli hemm fid-dar matrimonjali li taghha ghandha pussess. U jekk ma tafx ghandha tistaqsi. Ma tistax din il-mara tizloq mir-responsabbilta` taghha b’dan il-mod. Persuna li ghandha dar perikolanti ma tigix ezentata mir-responsabbilta` billi tghid li qatt ma kienet harset biex tara l-evidenza tat-thassir li kienet apparenti. L-evidenza dwar din il-fabbrika u attivita’ kienet evidenti ghal kulhadd barra ghal Maria Camilleri.

**Huwa car li l-konvenuta qed tipprova tistrieh fuq il-lat emottiv - hi issa armla, ghandha tifel awtistiku u hi miskina. Dan pero’ ma jistax jezentaha mill-obbligi civili taghha. F’dan il-kaz gew sploduti tlett idjar u tilfet hajjitha mara - it-tifla konjugi Bugeja helsitha biss bl-ghajnuna f’Alla. Ma jispettax lill-atturi li jghinu lill-konvenuta - dik l-ghajnuna zgur li gia inghatat u qed tinghata minn organi tal-istat.**

Issa l-Qorti ghandha tara liema hi l-verzjoni ‘l aktar kredibbli. Jekk hux dik ta’ dak li jirrizulta mis-sejbiet tal-Inkjetsa (u mill-konjugi Bugeja li fil-kawza l-ohra fuq citata kienu cari u sodi fuq il-pedana tax-xhieda) jew il-verzjoni ta’ Maria Camilleri li bil-kemm ma riditx tballaghha lill-Qorti li ma kenitx taf li giggifogu huwa wkoll nar. Hi riedet tahrab ‘il boghod kemm jista’ jkun anke mill-kelma nar. Skont hi zewgha mhux dilettanat (jew professjonist illegali) tan-nar

u ma kienx jarma n-nar izda l-giggifogu. Hi riedet iccekken il-htija taghha ghax donnu dawn mhux l-istess haga. Mill-garages, li fortunatament ma splodewx, inharget (b'periklu kbir tal-forzi tal-ordni) hazna shiha ta' murtali li kull wiehed minnhom ikun circa metru kbir jekk mhux aktar. Kien hemm irjuf fil-*garages* mimlija bin-nar mahzun u din il-mara jahasra ma kienet taf b'xejn. Sakemm kienu gejjin il-flus allura ma kenitx problema ghaliha - ir-riskju setgha jigi mistur mill-girien. Izda ladarba il-pussess tad-dar matrimonjali kien ukoll f'idejha hi hatja daqs zewgha ghal dan il-periklu.

Din hi d-dar matrimonjali - Maria Camilleri ghandha pussess fuq id-dar daqs ir-ragel u l-pussess mhuxiex biss detenzjoni, mhuwiex biss pussess fattwali izda hu aktar minn hekk - huwa pussess ukoll legali mhares bil-ligi u b'hafna drittijiet. Il-mara mizzewga ma tistax titkecca mid-dar matrimonjali u r-ragel anke jekk jigi biex ibigh id-dar matrimonjali jrid bil-fors il-firma ta' martu.

Huwa evidenti li l-konvenuta Maria Camilleri ghandha ghall-anqas terfa' ir-responsabbilta` li titfa' fuq kull persuna l-ligi Civili - partikolarment l-Art. 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili. **Gie pruvat fuq bilanc ta' probabbilta` li hi ma urietx prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb ta' familja - ghal dan hi ghandha tirrispondi. Hi ma rreaggixxietx u ma ghamlet xejn meta zgur li kienet taf bl-attivita' li kien qed jaghmel zewgha f'dan il-*garage*.**

Din il-mara kienet taf b'din l-illegalita` u tant kienet iddakkret mix-xoghol ta' zewgha li ingenwament zammet ghajnejha maghluqa ghal periklu hekk kbir li ghalih kienet qed tesponi lit-tifel taghha stess (li issa qed tuza bhala paraventu). Jista` jkun li dan ma kienx qed isir b'hazen, izda ghax tassew hasset li kienet "safe" - kien hemm ir-ragel u "dak jaf dwar in-nar!" - il-periklu ma kenitx qed tarah. Izda zgur li f'dan kollu ma kenitx qed tagixxi bhala "bonus pater familias". Bir-rispett kollu, l-esponenti isostnu li kwazi kwazi anke kieku jirrizulta li Maria Camilleri ma kenitx taf li zewgha kellu fabbrika shiha u hazna kbira apparenti ta' nar - xorta bniedem huwa obbligat u

responasabbli civilment li jkun jaf jekk fil-propjeta`, li taghha jkollu pussess legali, hemmx affarijiet li jistghu jaghmlu hsara lil terzi. Inkella kulhadd ikun jista' jiggustifika lilu nnifsu billi jikkjama l-injoranza. U aktar ma hu kbir il-periklu aktar ikun kbir dan l-obbligu ta' gharfien.

Bniedem li jkollu saqaf immermer pero' ma jarahx minhabba s-suffett, xorta jkun obbligat lejn dak li joqghod tahtu jekk dak is-saqaf jaqa' u jaghmel hsara fl-appartament ta' taht.

Il-konjugi Bugeja fil-kawza l-ohra ma kellhomx ghalfejn jigdbu - ma kellhom xejn x'jakkwistaw. Huma kienu komdi jixhdu, kienu kalmi u ma werewx emozzjonijiet jew biza' waqt ix-xhieda taghhom. Dehru li kienu qed jghidu l-verita' meta xehedu li Maria Camilleri kienet tuza dejjem u biss il-bieb tal-*garage* biex tidhol u tohrog mid-dar. Dan mhuwiex xi haga stramba f'rahal fejn in-nies jibzghu ghal bieb tal-kewba u jipproteguh mix-xemx bil-hasira li wkoll tghamilha difficli biex tidhol u tohrog sakemm din ma tkunx imtella' il-hin kollu.

Bil-mod kif xehdet Maria Camilleri uriet li kienet qed tipprova tahbi il-verita'. Fiz-zelu taghha li taghmel dan pero' inqabdet f'hafna partijiet li evidentement mhumiex verosimili kif gia intwera fuq. Mistoqsija kemm-il darba, dwar il-konnessjoni ta' zewgha man-nar kompliet titkellem dwar giggifogu bhallikieku ma tafx li giggifogu wkoll huwa nar. Qalet ukoll li qatt ma dahlet fil-*garage* fejn instabu l-murtali l-ohra rathom biss minn barra meta gieli kien hemm il-bieb miftuh - mistoqsija ghal xiex kien ikun miftuh il-bieb ma twiegeb xejn - owjament il-gidba ma tistax tibqa' issostniha ghat-tul, izjed u izjed meta ma tkunx qed temminha inti stess.

Il-konvenuta ma tistax titwemmen meta tghid li ma kenitx taf x'hemm fid-dar taghha. Ingabu bizzejjed provi biex juru il-kuntrarju. Pero` jinghad ukoll li hadd ma jista' jinvoka l-injoranza ta' dak li ikun hemm gewwa daru aktar u aktar meta dak li jkun hemm ikun daqstant nociv kemm ghall-familjari kif ukoll ghal girien tal-istess persuna. Ma jistax ikun li persuna tkun “reckless” u ma tatix kaz tal-perikli li

ikunu qeghdin inerenti f'darha. Persuna ghandha dejjem tassikura ruhha li fid-dar taghha ma jkunx hemm perikli daqstant kbar u serji bhal dawk li ghalihom kienet palezement esposta id-dar ta' Maria Camilleri.

Illi huwa evidenti li l-mejjet Paul Camilleri kien hati ta' dan l-incident u *stante* li hu miet fl-istess incident, l-eredita` tieghu ghandha terfa' id-danni li kkawza. Dawn id-danni pero' jridu jintrefghu wkoll *in solidum* flimkien mal-konvenuta Maria Camilleri, martu li kienet taf jew messha kienet taf li f'darha qed issir din l-attivita` perikoluza u ghalhekk ghandha tirrispondi ghad-danni kollha kawzati minn dan l-incident. Maria Camilleri ghandha wkoll terfa' l-ispejjez legali kollha tal-partijiet kollha f'din il-kawza. Dwar is-solidarjeta` referenza issir ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Abela vs Antonio Bonnici et noe** deciza fit-23 ta' Jannar 1958 per Onor. Dr. A. Magri.

Jigi rilevat li fil-Prim Awla tal-Qorti Civili hemm kawza ohra li nfethet qabel din u l-mertu ewlieni taghha hu r-responsabbilta` tal-ispluzjoni mertu ta' din il-kawza. Dik il-kawza hi wkoll fl-ismijiet **MIB Insurance Brokers Malta Limited pro et noe vs Maria Camilleri pro et noe** Citaz 928/08 GCD u tinsab differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Jannar 2011.

Ghal dawn il-motivi kollha l-esponenti jinsistu li ngabu provi bizzejjed sabiex it-talbiet kollha fil-konfront tal-konvenuti jigu milqughha. Il-kaz gie ampjament pruvat fuq bilanc ta' probabbilta`. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tichad l-Appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta fit-23 ta' Marzu 2011 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ray Zammit ghas-socjeta` appelttat, Jean Zammit ghall-istess. Deher Dr. Johann Debono ghall-appellanti Maria Camilleri prezenti. Id-difensuri qablu li l-Qorti ghandha tirreferi ghall-inkjesta magisterjali li kienet saret u tista' tikkoncerna l-ispluzjoni tal-mertu tal-

kawza odjerna. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar l-incident tal-ispluzjoni li sehh fit-12 ta’ Marzu tas-sena 2008 u qed jinghad li dan origina fil-*garage* numru 25 li jinsab fi Triq Had-Dghejf, in-Naxxar, li huwa *garage* li jaghmel parti mill-fond matrimonjali numru 23 li tidhol ghalih minn entrata differenti, proprjeta’ tal-konjugi Paul u Maria Camilleri, l-appellanti odjerna.

Illi l-Ewwel Qorti kienet sabhet lill-konvenuta responsabbli wkoll tal-istess incident u danni konsewgwenzjali ghaliex jirrizulta li kienet spluzzjoni fil-garaxx indikat fejn kienu mahzun materjal splussiv li kkawzat hsara sostanzjali *inter alia* fil-fond ta’ Robert Runza adjacenti ghall dak tal-intimata, u rreteniet li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenuta kienet taf b’dak li kien qed jaghmel l-istess zewgha fil-garaxx, inkluz li kien jahzen illegalment dan il-materjal splussiv, u ma emmnitx il-versjoni taghha li hija ma kienitx konxja ta’ dan, u dan anke fuq il-bazi ta’ kontradizzjonijiet li hija elenkat fix-xhieda tal-intimata stess kif jidher minn paragraphi 5 sa 9 tal-istess sentenza tant li dwar l-istess l-Ewwel Qorti qalet li *“(1) Illi l-istorja impengija fl-affidavit tal-intimati mhux verosimili; (2) Illi l-istess storja hi kontradetta mill-istess intimata meta f’nifs issostni li l-estraneata’ kompleta taghha u f’iehor tikkontradixxi lilha nnfisha. Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taghti kredibilita’ ghall istorja minsuga mill-intimata fejn anke sfortunatament tipprova tirkeb fuq l-emozzjoni billi tistrieh fuq il-fatt li binha jsofri minn kondizzjoni xejn awspikkabbli. Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-versjoni tal-intimata Camilleri billi tippekka fil-kredibilita’ skond il-ligi”.*

Illi minn din is-sentenza sar appell mill-appellanti Maria Camilleri fuq rapportat fejn sostniet li (A) saret interpretazzjoni hazina tal-fatti ghaliex l-appellanti qed isostni li l-konvenuta kienet konsistenti f'illi tghid li ma kienitx taf x'kien qed jaghmel zewgha fil-garaxx formanti parti mir-residenza taghhom, u dan huwa kkoroborat mix-xhieda minnha prodotta, xhieda li l-istess Qorti inghad li injorat; (B) li l-Qorti tat adittu u rreferriet ghall-Inkjesta Magisterjali meta dan qatt ma gie esebit; (C) Li l-Qorti naqset milli taghti interpretazzjoni legali ta' l-**artikolu 1327 (f) tal-Kap. 16** u dan ghaliex skond l-appellanti la darba hija ma kienitx taf b'dak li kien qed jaghmel zewgha fl-istess garaxx tad-dar taghhom mela allura, bhala partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti ma zewgha, hija ma tistax tinsab responsabbli skond il-ligi ghad-danni kkawzati bl-istess spluzzjoni.

Illi mela l-ewwel aggravju huwa jinvolvi essenzjalment apprezzament tal-provi mill-gdid minn din il-Qorti, wara dak li sar mill-Ewwel Qorti, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li, wara li ezaminat il-provi prodotti thoss li ma taqbel ma' l-ewwel Qorti fis-sens li l-versjoni tal-konvenuta ma hijiex verosimili u hija kontradetta wkoll mix-xhieda prodotta fl-istess kawza. Dan ghaliex ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta tghid li ma kienitx taf x'qed jaghmel zewgha fl-istess garaxx anness mad-dar taghhom u tghid ukoll li hija ma kienitx tidhol fl-istess garage, pero' mill-provi prodotti u mix-xhieda taghha stess jirrizulta li ilha kienet ilha mizzewga 21 sena, zewgha kien jaghmel zmien twil fl-istess garage u kienu joqghodu fl-istess fond mill-1987, u fil-waqt li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2009 (fol. 59) hija tghid li ma kienitx tidhol fl-istess garage, fl-istess nifs tghid li *"jiena gieli dhalt fil-garaxx pero' dhalt fih meta konna nohorgu, nidhol fil-vann fil-garaxx u nidhol id-dar".* Illi fl-istess xhieda tghid li hija ma kienitx taf li zewgha kien jahdem in-nar u dan meta izda fix-xhieda taghha fl-affidavit taghha tat-22 ta' Frar 2010 hija sostniet li kienet taf li zewga kien dilettant tal-festa u tal-loghob tan-nar, u wkoll l kien involut fil-loghob tan-nar tal-art (fol. 66).

Illi jirrizulta wkoll li minhabba l-konduzzjoni tat-tifel hija tghid li l-bieb tal-garaxx kien jinzamm imsakkar u cwievet tal-istess kien ikollu zewgha biss, versjoni li din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti ssib bhala inverosimili, ghaliex anke jekk l-intimata riedet tevita li binha jidhol fl-istess garaxx, minhabba l-apparat li kellhu zewgha ta' mastrudaxxa li setgha allura jweggha bih, pero' ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex hija ma kellhux ikollha hija stess cavetta ghall-istess garage; dan meta jirrizulta li minkejja dak li nghad binha kien jidhol fil-garaxx meta jkun hemm missierhu; hija inversosimili wkoll li hija kienet tikkomunika ma' zewgha meta jkun fil-garaxx bl-sms biss, kemm minhabba dak li jirrizulta li kien jaghmel zewgha fl-istess garage u r-riskju li dan jimporta (li certament kien jaf bih hu), kemm ukoll minhabba l-fatt li kien ilhom joqghodu fl-istess post minn 1987, u zgur li f'dak iz-zmien ma' kienitx tikkomunika ma' zewgha, li kien jaghmel hafna hin fl-istess garage (allura bhala mastrudaxxa) bl-istess mod. Hija wkoll mhux biss inverosimili, izda inkredibbli l-versjoni tal-intimata li hija ssostni li qatt ma tkellmet ma zewgha fuq dak li kien jaghmel tenut kont tal-fatt li zewgha kellhu licenzji sabiex jghin fil-fabbrika tan-nar u wkoll sabiex jahraq in-nar. Huwa relevanti li fl-fir-rapport tal-Inkjesta (fol. 12) hija terga ghall darba ohra tikkontradixxi ruhha ghall dak li huwa access ghall-garage, fejn din id-darba qalet testwalment kif rapportata fl-istess inkjesta li *"Huma* (hija zewga u binha) *kienu jidhlu u johorgu mill-garage il-bicca l-kbira".*

Illi hawn qed nitkellmu dwar kopjja li skond l-intimata stess kellhom relazzjoni tajba bejniethom u allura din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-provi prodotti f'din il-kawza l-versjoni tal-intimata li ma kienitx taf b'dak li kien qed jaghmel b'mod illegali fl-istess garage zewgha, in konnessjoni mal-loghob tan-nar hija ghall kollox inverosimili u fl-opinjoni ta' din il-Qorti inveritiera, b'dan li din il-Qorti thoss li ghandha tghid li minn ezami tax-xhieda prodotti, l-istess intimata ma kienitx u mhux qed tghid il-verita', ghaliex din il-Qorti thoss li gie ppruvat b'mod mill-iktar konvincenti li l-konvenuta kienet taf bl-operat ta' zewgha, bid-delizzju tieghu, bix-xoghol tieghu fil-loghob tan-nar, u izjed u izjed b'dak li kien jaghmel zewgha fl-istess garage, b'dan li dan

irrendi lilha wkoll responsabbli ghall-istess akkadut, ghaliex hija konsapevoli ta' dan kollu, u kull versjoni ohra lanqas biss hija plawsibbli, u dan qed jinghad bla ma l-Qorti kellha bzonn tirreferi ghar-rizultanzi tal-Inkjesta. Relevanti f'dan l-aspett hija x-xhieda prodotta mill-intimata stess ta' l-Ispettur Elton Taliana li jispjega fis-seduta tad-19 ta' Frar 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi li qed issir quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Rik. Gur. Numru 928/08) l-ispluzzjoni li sehhet fil-garaxx in kwistjoni, l-entita' taghha, u li fil-hin tal-ispluzzjoni zewgt l-intimata kien fl-istess garaxx, b'van quddiem l-istess garaxx, u li faccata fejn kien hemm din l-ispluzzjoni kbira kien hemm zewg garaxxijiet uzati mill-istess Pawlu Camilleri l-mejjet, fejn fihom kien hemm kwantita' kbira ta' materjal tal-loghob tan-nar – u allura hija mhux biss inverosimili, izda inkredibbbli, li b'dan l-involviment kollu l-intimata ma kienet taf xejn.

Illi b'hekk din il-Qorti thoss li l-apprezzament li sar mill-Ewwel Qorti kien preciz u mal-istess apprezzament din il-Qorti taqbel perfettament u ma ghandha l-ebda ezitazzjoni sabiex tiddikjara f'din id-decizjoni li l-versjoni moghtija mill-intimata ma hijiex kredibbli, hija inverosimili, u addirittura din il-Qorti thoss li l-intimata ma hijiex qed tghid il-verita' u ma tistax ghall biss moment titwemmen, u r-rizultat ta' dan huwa li l-konkluzzjoni li din il-Qorti tasal ghaliha mill-atti processwali hija li l-konvenuta appellanti kien taf b'dak kollu li kien qed jaghmel u jahzen in-nar tal-festa zewgha fl-istess garaxx u li fl-ahhar wassal sabiex ikkawza l-ispluzzjoni mertu ta' din il-kawza, u li swiet il-mewt ta' zewgt l-intimata, u l-hajja ta' persuna ohra innocenti apparti l-hsara kbira li giet ikkawzata fil-proprjeta' ta' terzi, inkluz dik mertu tal-kawza odjerna.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-Qorti mhux normali li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti, u dan ghaliex tkun dik il-Qorti lit kun semghet l-istess xhieda, u din hija gurisprudenza konstanti – dan il-kaz jaqa' that din in-norma, ghaliex abbazi tal-provi prodotti fil-kawza, ma hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti setghet tasal ghall konkluzzjoni li waslet ghaliha, u ma hemm xejn li jista' jitqies straordinarju sabiex il-Qorti

tiddipartixxi minn din il-prassi **("Vincent Abdilla et vs Angelika Bonnici"** – A.I.C. (RCP) – 27 ta' Jannar 2011). Hawn din il-Qorti marret oltre minn hekk ghaliex regghet ghamlet apprezzament tal-provi hija u hija tal-konkluzzjoni li dak li inghad fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti huwa mhux biss korrett u ezatt, izda din il-Qorti thoss li l-appell odjern fuq dan l-aggravju ma ghandhu l-ebda bazi ta' xejn u ghalhekk qed jigi michud ghar-ragunijiet moghtija.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li mis-sentenza proprju lanqas sar riferiment ghall-atti tal-istess Inkjesta u ghalhek biss dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'. Mhux hekk biss izda jidher li fix-xhieda quddiem l-istess Qorti kienet l-istess intimata, anke tramite id-difensuri taghha li ghamlu riferenza ghall-atti tal-istess Inkjesta, kif fuq kollox jidher li ghamlet l-appellanti odjerna adirittura fir-rikors tal-appell taghha bhal per ezempju f'pagna 5 tar-rikors tal-appell. Dan ukoll iwassal sabiex l-istess aggravju ma jigix akkolt. Apparti dan u fl-ahharnett jinghad li b'verbal datat 23 ta' Marzu 2011 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li din il-Qorti ghandha tirreferi ghall-Inkjesta Magisterjali li fil-fatt giet esebita fl-atti ta' dan l-appell. Ghalhekk dan l-aggravvju huwa manifestament bla bazi u ghalhekk qed jigi michud.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li dan huwa wkoll bla bazi ghaliex la darba gie ppruvat li l-intimata appellanti kienet taf bl-agir illegali ta' zewgha f'dik li hija hazna ta' splussivi fil-garaxx anness mad-dar taghha mela allura hija l-komunjoni tal-akkwisti li ghandha tirrispondi ghall tali hsarat fil-kamp civili u ghalhekk l-**artikolu 1327 (f) tal-Kap. 16** huwa applikabbli ghall kaz in ezami fis-sens li t-tieni eccezzjoni kellha tal-intimata kellha tigi michuda, kif giet michuda fl-istess decizjoni, liema sentenza qed tigi kkonfermata minn din il-Qorti, anke f'dan ir-rigward u dan ghaliex li jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza li l-intimata appellanti, kontrarjament ghall dak minnha eccepiet, kienet taf b'dak kollu li ghamel zewgha fl-istess garaxx in kwantu jikkoncerna l-hazna ta' nar fil-proprjeta' taghha u senjatament fil-garaxx anness mar-residenza taghhom. Il-konsgwenza ta' dan kienet li tali fatti jaqaw fil-paramteri tal-ligi li jistipulaw li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha taghmel tajjeb ghad-danni hekk ikkawzati, li kien ghalihom

responsabbbli d-decujus u l-intimata, li kienet taf bl-operat ta' zewgha u allura f'termini legali u civili, komplici mal-istess. B'hekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti waslet ghall konkluzzjoni fattwali u legali (billi cahdet din it-tieni eccezzjoni).

Illi f'dan is-sens hija korretta il-kwotazzjoni tal-**Giorgi - Obbligazzioni – Vol. V. n.192 pag. 282 u 283** fejn qal li:-

*"La complicita' civile e` piu estesa dalle penale ed abbraccia qualunque cooperazione al danneggiamento stato o no concerto precedenti, sia o no possibile di determinare la parte di ciascun complice, <u>bastando il prendere parte anche secondaria</u> agli atti che preparono ed assicurarono l'offesa".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-agir tal-konvenuta jikkwalifika bhala komplicita' fl-agir illegali ta' zewgha taht kull aspett legali koncepit fl-istess artikolu u skond ic-citazzjoni hawn citata, u ma hemmx lanqas dubju li n-ness ta' kazwalita' fl-agir tal-konvenuta u d-dannu kkawzat gie ppruvat kif indikat fis-sentenza fl-ismijiet **"Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo et"** (A.I.C. (PS) citata mill-appellanti stess, u dan in-ness ta' kazwalita' gie ppruvat permezz fuq l-accertament u l-apprezzament tal-provi rizultanti mill-atti processwali, b'dan li f'dan ir-rigward is-socjeta' attrici ppruvat l-allegazzjoni taghha fil-konfront tal-appellanti intimata. B'hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll respint u michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata datata 26 ta' Novembru 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Maria Camilleri fir-rikors tal-appell taghha datat 15 ta' Novembru 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Sede Civili) datata 26 ta' Ottubru 2010, fl-ismijiet premessi **"MIB Insurance Brokers (Malta)**

**Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza ta' ditta estera Lloyds Underwriters vs Maria Camilleri f'isimha proprju u b'digriet tat-2 ta' Frar 2009 gie nominat Dr. Patrick Valentino bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti ta' Paul Camilleri"** (Rikors Nru.3/09/SM).

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Maria Camilleri."

**Rat** li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li giet appellata hi dik tal-26 ta' Ottubru, 2010 fejn intqal:-

**"Il-Qorti;**

Rat l-avviz promotur fuq indikat datat it-22 ta' Dicembru tas-sena 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti nomine sejhet lill-intimati fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m' ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi previa dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu, u li frott ta' dan l-incident ir-rikorrenti soffrew danni ammontanti ghal tmient elef erba` mija u euro u tmienja u tmenin centezmu, (€8,401.88);

2. Illi stante s-surroga tar-rikorrenti fid-drittijiet ta' Robert Runza l-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma fuq inidkata, u dan, kollu wara li fit-12 ta' Marzu, 2008, Paul Camilleri u martu Maria kienu qed jahznu n-nar illegalment fi propjeta` gewwa Triq Hal-Dghejf fin-Naxxar, liema nar sploda u kkawza hsarat lill-Robert Runza, (assikurat tar-rikorrenti), fid-dar Nru. 7, Sqaq Nru 14, Triq Santa Lucija, in-Naxxar:

a. Dok A huwa kopja tac-cekk imhallas sabiex saret is-*survey* tal-Perit;
b. Dok B huwa r-rapport peritali;

3. Illi Paul Camilleri miet fl-incident fuq indikat u halla warajh lil martu Maria Camilleri u lil ibnu Alan

Camilleri, fejn ir-rikorrenti, a bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, hallsu lill-istess Robert Runza is-somma ta' €8,207.18, (Dok C, kopja tac-cekk), u inoltre hallsu lil Perit €194.70, kif gia inghad – Dok A;

4. Illi r-rikorrenti gew surrogati fid-drittijiet ta' Robert Runza kontra kull minn jista` jkun responsabbli ghall-incident *de quo*, (Dok D);

5. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta' Ottubru, 2008, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, bl-interessi legali.

6. L-intimati ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimata Maria Camilleri datata s-27 ta' Frar tas-sena 2009, li permezz taghha esponiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok ghal precizjoni, Maria Camilleri rrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha Paul Camilleri li miet kawza ta' spluzjoni fit-12 ta' Marzu, 2008;

2. Illi l-istess rinunzja saret minn bin il-konjugi Camilleri, Alan, fil-konfront ta' missieru Paul Camilleri;

3. Illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti stante li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe` hazna ta' nar fil-propjeta` fi Triq Hal-Dghejf, fin-Naxxar, jew b' xi mod ikkontribwiet b' negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista` jigi likwidat favur ir-rikorrenti, b' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, a terminu tal-artikolu 1327 (f) *et sequitur* tal-Kodici Civili;

4. Illi konsegwentement il-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur fil-

konfront ta’ Maria Camilleri ghandu jigi mnehhi safejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti;

5. Illi fil-mertu, is-socjeta` rikorrenti trid tipprova t-talba taghha u n-ness legali u fattwali bejn l-agir ta’ Paul Camilleri u konsegwenti danni subiti mill-assikurat tas-socjeta` rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat nominat fuq indikat datata t-2 ta’ Marzu tas-sena 2009, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi f’ dan l-istadju huwa ma huwiex edott mill-fatti tal-kawza, pero’ jirriserva illi jippresenta risposta ulterjuri, fl-eventwalita` illi jirnexxielu jottjeni informazzjoni dwar il-kaz;

Rat is-surroga fuq riferita;

Rat id-dokumenti kollha l-ohra pprezentati, inkluz l-affidavidijiet prodotti;

Semghet ix-xhieda kollha l-ohra prodotta;

Rat id-digriet taghha datat il-11 ta’ Mejju, tas-sena 2010, li permezz tieghu, laqghet it-talba tal-partijiet u konsegwentement ordnat li t-trattazzjoni finali ssir bil-miktub u dan, skond il-modalita` hemm prefissata;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet hekk prezentati;

Tiddikjara li hi f’ posizzjoni tikkonkludi din il-procedura skont il-ligi;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li wasslu ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi din il-kawza hi naxxenti mill-ispluzjoni tan-nar li kien hemm in-Naxxar f’ Marzu, tas-sena 2008, fejn konsegwenza tal-istess ir-residenza ta’ Robert Runza,

senjatament il-fond numru 7, Sqaq Numru 14, Triq Santa Lucija, in-Naxxar, soffriet danni ingenti;

2. Illi l-ispluzjoni *in* dizamina kienet sehhet fil-fond sitwat wara dak indikat fil-paragrafu precedenti fejn kien hemm mahzuna klandestinament kwantita` ingenti ta' materjal esplossiv;

3. Illi skont il-perit ex parte mibghut biex jispezzjona l-hsarat *in dizamina* kkawzati b' rizultat tal-ispluzjoni *de quo* dawn jirrizultaw li kienu s-segwenti:

i. Illi inqaleb il-hajt divizorju;
ii. Illi l-madum ta' madwar il-pixxina nkiser kollu;
iii. Illi kien hemm ukoll hsarat fil-pixxina, fil-pompa taghha, u fil-kamra ta' l-istess pompa;
iv. Illi kien hemm hsarat fl-aperturi u fil-fili – ilkoll fir-residenza tas-surrogat Runza;
v. Illi jirrizulta wkoll hsarat fl-aluminium, fil-kanvas tal-gazebo u fil-vegetazzjoni fl-area *de quo*;

4. Illi d-danneggjat kien assikurat mas-socjeta` rikorrenti nomine u minnha thallas regolarment tal-hsarat minnhu sofferti;

5. Illi l-ammonti mitluba mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur jirrizultaw debitament verifikati, u dan, skont il-kontijiet sottomessi mill-istess socjeta` rikorrenti nomine;

6. Illi mal-effettiv pagament li l-istess socjeta` rikorrenti nomine effettwat lill-assikurat taghha, din giet debitament surrogata skont il-ligi fid-drittijiet tal-istess assigurat;

7. Illi konsegwentement din il-procedura qed issir biex l-istess socjeta` rikorrenti nomine tigbor l-ammonti li kienet kostretta tohrog favur l-assigurat ghad-danni minnhu sofferti, minhabba li l-intimata u zewgha kienu qed jahznu illegalment kawantita` ingenti ta' splussivi fir-

residenza taghhom u dan, kontra kull logika u b’ disprezz assolut ghall-inkolumita` taghhom u ta` terzi;

Ikkunsidrat:

Illi l-istess socjeta` rikorrenti ssostni ukoll is-segwenti fir-rigward tal-intimata Camilleri:

1. Illi l-ispluzjoni *in dizamina* kienet wahda li tidradixxi l-fatt li fir-residenza tal-intimata kien hemm mahzuna kwantita` ingenti ta’ splussiv, jew ahjar nhar tal-festi;

2. Illi tenut kont ta’ din il-kwantita` l-intimata qatt ma setghet tkun inkonsapevoli ta’ dak li kien qed jigi mahzun f’ darha;

3. Illi jidher li anke l-istess, Inkjesta Magisterjali stabbilita wara l-istess spluzjoni ikkonkludiet li l-intimata kienet taf bl-esistenza tal-fabbrika tal-isplussivi li kien hemm fid-dar taghha;

4. Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti nomine tikkontendi b’ forza li l-istess intimata Camilleri ghandha taghmel tajjeb ghad-danni li sehhew stante li kienet komplici konsapevoli ta’ dak kollu li kien qed jigi mahzun u prodott f’ darha stess;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-intimata Camilleri tista` tigi sintetikament komputata bil-mod segwenti:

1. Illi kienet ilha mizzewga ma Paul Camilleri mis-sena 1987 u kienet ilha residenti fid-dar li splodiet mill-istess perijodu senjatament mis-26 t’ April tas-sena 1987;

2. Illi r-residenza konjugali li splodiet fit-12 ta’ Marzu tas-sena 2008, kienet iggib l-indirizz 23, Triq Hal-Deghjf, in-Naxxar, u kienet sitwata b’ mod adjacenti ma dik tal-assikurat tas-socjeta` rikorrenti nomine u effettivament kellhom hajt divizorju komuni bejniethom;

3. Illi l-istess residenza tal-intimata Camilleri kellha garaxx adjacenti maghha;

4. Illi peress li iben l-intimata kien isofri mill-kundizzjoni ta' l-awtizmu, il-bieb tal-garaxx li jaghti internament ghar-residenza kien jinzamm imsakkar ghaliex *"… ma konniex nafdawh … u jwegga bl-ghodda"*, (ara. fol. 65);

5. Illi l-intimata ssostni li tul il-wiehed u ghoxrin (21) sena li damet tirrisjedi fl-imsemmi fond, *"… qatt ma kont nghaddi mill-garage biex nidhol u nohrog mid-dar …"*, (ara fol. 65);

6. Illi pero` fl-istess paragrafu ssostni l-oppost u tafferma bil-gurament li kienet tidhol fl-imsemmi garaxx fejn kien hemm mahzuna dik il-kwantita` immani ta' splussiv *" … meta kont inkun ma zewgi fil-karozza u konna nirritornaw id-dar u kien idhahhal il-karozza fil-garage"*, (ara fol. 65);

7. Illi ssostni l-injoranza kompleta taghha li kienet b' xi mod taf li zewgha kien jaghmel loghob tan-nar, (ara fol. 66), u ma kienitx taf li fil-garaxx kellha il-murtali u nhar iehor stivati, (ara wkoll fol. 66);

8. Illi *di piu`* l-intimata Camilleri ssostni wkoll bil-gurament taghha li ftit kienet tkun id-dar ghaliex dejjem tigri bit-tifel, (ara fol. 66);

9. Illi finalment fil-paragrafu konklussiv tal-affidavit taghha l-intimata Camilleri ssostni li tant kienu jghixu hajja rizervata hi u zewgha li wiehed kwazi jasal ghal konkluzjoni lecita li nonostante l-herqa kbira ghal festa tal-Bambina tan-Naxxar, dawn kienu *"separati in casa"*, (ara fol. 67);

Ikkunsidrat:

Illi rizultat tad-dokumentazzjoni kopjuza prodotta in atti mis-socjeta` rikorrenti nomine din il-qorti hi konvita li d-

danni sofferti mill-assikurat taghha ma gewx minfuha biex japprofittaw ruhom mis-sitwazzjoni u ghalhekk tiddikjara li hi sodisfatta mill-ezattezza taghhom u mill-fatt li inzammu kontenuti skont il-ligi;

Ikkunsidrat;

Illi rigward l-allegata estraneata` tal-intimata mill-mod ta' hajja li kien jghix zewgha u mill-fatt li kien juza l-garaxx *in dizamina* bhala mahzen supplenti ghan-nar tal-festa li kien jahdem u jistiva, din il-qorti tirrespingiha u dan ghas-segwenti mottivi:

1. Illi l-istorja impengija fl-affidavit tal-intimati mhix verosimili;

2. Illi l-istess storja hi kontradetta mill-istess intimata meta f' nifs issostni l-estraenita` kompleta taghha u f' iehor tikkontradixxi lilha nnifisha;

Illi ghaldaqstant din il-qorti ma tistax taghti kredibilita` ghall-istorja minsuga mill-intimata fejn anke sfortunatament tipprova tirkeb fuq l-emozjoni billi tistrieh fuq il-fatt li binha jsofri minn kondizzjoni xejn awspikabbli;

Illi ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi l-versjoni tal-intimata Camilleri billi tippekka fil-kredibilita` skont il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tal-intimati takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti nomine u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu Robert Runza garrab hsarat fid-dar tieghu u li frott ta' dan l-incident is-socjeta` rikorrenti nomina sofriet danni ammontanti ghall-tmint elef, erbgha mija u ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8, 401.88), kif ipprovat fil-mori tal-kawza, u dan inkluz l-ammont ta' mija u erba` u disghin Ewro u sebghin centezmu (€194.70), spejjez tal-perit kif dedott;

2. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati ihallsu s-somma hekk likwidata lis-socjeta` rikorrenti nomine fuq ukoll indikata, debitament surrogata fid-drittijiet tad-danneggat assikurat taghha;

Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess intimati msemmija."

**Rat** l-atti l-ohra tal-kawza kif ukoll l-atti kif kompilati quddiem din l-istess Qorti (diversament presjeduta) kif ukoll dawk kif kompilati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** il-verbal tas-seduta td-19 ta' Novembru 2013 minn fejn jirrizulta ukoll li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Bil-presenti qed tigi deciza talba tar-ritrattandi Maria Camilleri propio sabiex tigi ritrattata l-imsemmija sentenza li nghatat minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-31 ta' Mejju 2011, fil-kawza fl-istess ismijiet premesi. B'mod partikolari r-ritrattanda qed titlob li jigi ddikjarat (1) li l-imsemmija sentenza hi affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi u inoltre li tali kawza ghandha tigi ritrattata stante illi jezisti dokument deciziv li ghandu zgur jibdel l-ezitu ta' tali konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet gia milhuqa minn din il-Qorti; (2) li kemm dan l-izball ta' applikazzjoni tal-ligi u id-decizivita' ta' tali dokument li ser jigi mressaq quddiemha, jikkostitwixxu bazi ghar-ritrattazzjoni, u dan a tenur ta' l-Artikolu 811 sub-inciz (e) u (k) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) li tithassar u tigi annullata l-imsemmija u (4) li tigi ordnata r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza.

In effett ir-rittratanda qed titlob ir-revoka jew it-thassir tal-imsemmija sentenza u dan a tenur tas-subinicizi (e) u (k) tal-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ir-ritrattanda qed issostni li s-sentenza in kwestjoni hi affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi u li jezisti dokument deciziv li ghandu jibdel l-ezitu tal-kawza in kwestjoni u minhabba f'hekk ghandha tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza u konsegwentement jigi akkolt l-appell tar-ritrattanda u t-talba originali tar-ritrattati tigi michuda.

Hu ormai assodat u ben maghruf li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet u cioe' l-ewwel li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u sussegwentement dak li terga tinfetah t-trattazzjoni tal-kawza biex tinghata sentenza mill-gdid. Issegwi ghallhekk li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni hu kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor u mgharrufin bhala 'in rescindente' u 'in rescissorio'. Ghalhekk il-ligi taghna trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza mpunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibili li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sa kemm dak it-thassir ma jkunx sar dik is-sentenza tkun u tibqa ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (vide Qorti tal-Appell sentenza tal-11 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet "Gaetano Fenech vs Maria Pisani"). Inoltre r-ritrattazzjoni ta' kawza hu ritenut bhala rimedju straordinarju u ghalhekk il-ligi tipprovdi permezz tal-imsemmi artikolu 811 tal-Kapitolu 12 il-varji ragunijiet li fuqhom biss tista tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza ("in rescindente"). Dawn ghandhom jinghataw interpretazzjoni kemm jista jkun restrittiva u kwindi mhux wiesa appuntu ghaliex din il-procedura hi wahda straordinarja. Kif gia' ntqal ir-ritrattanda f'dan ir-rigward qed tghamel referenza ghas-subartikoli (e) u (k) tal-imsemmi artikolu 811.

L-imsemmi artikolu 811 appuntu jinsab f'dik is-sezzjoni tal-imsemmi Kodici li tittratta dwar "ir-Ritrattazzjoni." L-

imsemmija sub-artikoli jipprovdu testwalment kif gej "(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikkazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;" u "(k) jekk, wara s-sentenza, jkun instab dokument decziv, u li l-parti li ggibu ma kinitrx taf bih, inkella illi bil-mezzi li taghti l-ligi ma setghatx iggibu qabel dik is-sentenza." Kif gie ritenut (Qorti tal-Appell "Frank Attard vs Anthony Farrugia" - 28 ta' Frar 2007) - "L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi."

Is-sub-artikoli in kwestjoni ser jigu trattati seperatament.

**Is-sub-artikolu (e)**

Kwantu ghas-sub-artikolu (e) ir-ritrattanda tissottometti li l-applikazzjoni tal-lilgi li skondha hi zbaljata tirrigwarda l-fatt li l-Qorti ma akkoljitx l-eccezzjoni taghha li hi m'ghandix titqies personalment responsabbli ghad-dannu li gie kkawzat minhabba li kienet qed tinzamm hazna ta' splussivi fid-dar konjuigali taghha. Skond ir-ritrattanda dan ghandu iwassal sabiex jigu applikati l-provedimenti tas-sub-artikolu in kwestjoni. Il-Qorti zgur li ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Hu ovvju mis-sentenza in kwestjoni li din il-Qorti diversament presjeduta qiset dak kollu li hu rilevanti sabiex wasslet ghall-konkluzjoni li r-ritrattanda ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni in kwestjoni. Ghandu jigi precizat li hawnhekk mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, li f'dawn il-proceduri, tgharbel jekk ir-ritrattanda ghandhiex titqies li hi responsabbli jew le. In vista tal-provedimenti in kwestjoni din il-Qorti ghandha tivverifika biss jekk gietx applikata hazin il-ligi fir-rigward tal-fatti kif gew stabbiliti korrettement fl-istess decizjoni in kwestjoni.

Fir-rigward ta’ dan is-sub-artikolu l-ligi stess tikkjarifika u tippreciza li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu jitqies “li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.” (Qorti tal-Appell “Frank Attard vs Anthony Farrugia” - 28 ta’ Frar 2007). Inoltre, hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-artikolu 816 tal-istess Kapitolu li jipprovdi li “meta r-raguni (ghar-ritrattazzjoni) hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.”

Dan kollu jwassal sabiex jista jinghad li l-argument tar-ritrattanda hu fallaci u bla bazi fil-ligi. Ir-ritrattranda trid tispecifika liema artikolu kellu japplika u liema ligi kellha tigi applikata. Dak li qed issostni r-ritrattanda ma jirrientrax fil-parametri li trid il-ligi in konnessjoni mas-sub-artiklu in kwestjoni. Il-fatt li din il-Qorti diversament presjeduta sabet li r-ritrattanda hi responsabbli ukoll ghall-agir irregolari u llegittimu ta’ zewgha ma tikkwalifikax bhala applikazzjoni hazina tal-ligi kif trid l-istess ligi. Inoltre ma giex specifikat liema artikolu tal-ligi kellu jigi applikat. In effett is-sottomissjoni tar-ritrattanda ma ghandu x’jaqsam xejn ma applikazjoni hazina tal-ligi.

F’dan ir-rigward ir-ritrattanda tissottometti li s-sentenza lamentata kienet timmerita applikazzjoni tal-ligi aktar “siewja u gusta.” Dan l-argument jamplifika l-fatt li r-ragunament tal-istess ritrattanda hu karenti u mhux ibbazat fuq il-ligi. Dan hu bbazat fuq dak li gie rilevat f’wahda mill-eccezzjonijiet tal-istess ritrattanda u cioe’ li hi mhux responsabbli ghad-danni b’sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u bl-assi taghha parafernali. Hawnhekk ir-ritrattanda tghamel referenza ghall-artikolu 1327(f) et sequitur tal-Kodici Civili. L-imsemmi artikolu hu applikabbli biss jekk l-indenniz in kwestjoni jkun dovut bhala rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda u bil-konsapevolezza tal-konvenut. Jidher li skond ir-ritrattanda l-imsemmi reat in kwestjoni ma sarx bil-konsapevolezza u bir-rieda

taghha u ghalhekk, a basi tal-imsemmi artikolu, ma kelliex titqies li hi ressposabbli personalment bil-beni kollha taghha. Hu evidenti li din mhux kwestjoni ta’ applikazzjoni hazina tal-ligi izda hi kwestjoni semplicement ta’ fatt li giet deciza b’mod regolari mill-Qrati involuti. Kwindi il-kwestjoni mhux jekk ghandhom jew m’ghndhomx japplikaw l-imsemmija provedimenti tal-Kodici Civili.

Inoltre r-ritrattanda taghmel ghad ta’ sottomissjonijiet li jirrigwardaw essenzjalment kwestjonijiet, li certament m’ghandhomx jigu trattati u decizi f’dan l-istadju u li in effett gia gew decicizi b’mod korrett fl-istadji ta’ qabel dan. Wahda minn dawn il-kwestjonijiet hu jekk ir-ritrattanda ttentatx jew le li tqarraq bil-qrati. Kull ma hu importanti fil-presenti proceduri hu li jigi ppruvat li s-sentenza hi kkontaminata b’xi wahda jew iktar mir-ragunijiet inkluzi fl-imsemmi artikolu 811 (f’dan il-kaz partikolari li hi affetta minn zball fl-applikazzjoni tal-ligi). Ghal dawn ir-ragunijiet kollha t-talba ghar-ritrattazzjoni kif ibbazata fuq il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 811(e) timmerita li tigi michuda.

**Is-sub-artikolu (k)**

Dawar it-talba tar-ritrattanda kif ibbazata fuq il-provedimenti tal-artikolu 811(k) jigi kkonfermat li l-istess sub-artikolu jipprovdi dwar ritrattazzjoni bbazata fuq il-fatt li wara li tkun inghatat is-sentenza lamentata jinsab document deciziv li jinpingi fuq il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet li tkun wasslet ghalihom il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza lamentata.

F’dan ir-rigward ir-ritrattanda tissottometti li wara li nghatat is-sentenza in kwestjoni skoprit li hi tbati mill-kondizzjoni tal-epilepsija. Ir-ritrattanda tirrakkonta li saret taf bl-imsemmi fatt minhabba kwestjoni li nqalghat bejnha u sid il-kera tal-post fejn issa qed tabita flimkien ma binha li ghandu bzonnijiet specjali. Tissottometti ukoll li ilha tbati mill-imsemmija kondizzjoni minn meta kienet ta’ eta tenera u cioe’ ta’ circa tnax (12) il-sena. Minhabba l-imsemmija kwestjoni ma sid il-kera u sabiex tikkonforma ruhha mar-regolamenti tal-Awtorita’ tad-Djar sar skrutinju

mediku li wassal ghal rapport mediku dwar il-kondizzjoni psiko-medika tar-ritrattanda.

Appuntu dah hu d-“dokument deciziv” li tirreferi ghalih l-istess ritrattanda fis-sottomissjoni in kwestjoni. Fl-imsemmi rapport mediku gie kkonfermat li r-ritrattanda kellha kumplikazzjonijiet psikologici anki qabel ma sehh l-incident tal-ispluzjoni in kwestjoni. Dejjem skond ir-ritrattanda dan id-dokument “ser ikollu impatt sostanzjali fuq il-mod ta’ kif Maria Camilleri qedgha tigi diskreditata u aggudikata ingustament quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.”

Jigi nnotatat li f’din is-sottomissjoni taghha r-ritrattanda, ghal xi raguni li taf hi biss, ma ttratatx dwar u halliet barra parti importanti tas-sub-artikolu in kwestjoni. Gia gie rilevat li l-istess sub-artikoli (k) in kwstjoni jipprovdi ukoll li l-parti li tipproduci d-dokument in kwestjoni trid tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li ma kinitx taf bl-esistenza tal-istess dokument jew li ma setghatx tipproducih f’xi stadju precedenti. Din il-Qorti tirrifjuta li tahseb li r-ritrattanda jew id-difensur taghha volutament naqsu li jsemmu jew li jittrattaw l-imsemmija parti tal-provediment tas-sub-artikolu in kwestjoni.

Hu evidenti li l-provedimenti in kwestjoni jaghmlu enfazi fuq il-fatt li d-dokument li ghandu jitqies li hu deciziv ma setghax jigi prodott f’xi stadju precedenti jew billi minn qed jipproducih ma kienx jaf bih jew billi kien impossibbli ghalih li jipproducih. F’dan ir-rigward il-Qorti trid tkun sodisfatta u ovvjament sta ghal min qed jipproduci d-dokument li jipprova dan ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Mal-ewwel din il-Qorti qed tiddikjara li mhux sodisfatta li r-ritrattanda ma kienitx taf bid-dokument in kwestjoni qabel dan l-istadju jew li kien impossibli ghaliha li jigi prodott fi stadju precedenti.

Id-dokument in kwestjoni gie prodott biss f’dan l-istadju u dana permezz tan-nota tar-ritrattanda Maria Camilleri tat-22 ta’ Marzu 2013. Id-dokument hu titolat “Rapport Psikjatriku dwar Maria Camilleri” cioe’ dwar l-imsemija

kondizzjoni tar-ritrattanda. Din il-Qorti ma tiddubitax li l-imsemmi rapport gie metikolazment u professjonalment radatt minn Psikjatra Konsulent u Specjalista. Pero' din, hawnhekk, mhux il-kwestjoni. Gia' gie rilevat li r-ritrattanda trid tikkonvinci l-Qorti, fuq bazi ta' probabilita', li r-raguni li l-istess dokument qed jigi prodott biss f'dan l-istadju billi hi ma kinitx taf bih jew li kien impossibli ghaliha li tipproducih fi stadju precedenti.

Hu difficli ghal din il-Qorti li tifhem kif ir-ritrattanda donnha ma kienitx taf bil-kondizzjoni li tbati biha u indunat biha biss f'dan l-istadju. In effett jidheer li l-istess ritrattanda ilha tbati b'din il-kondizzjoni sa minn meta kienet ghada zghira u cioe' sa minn meta kellha tnax il-sena. Hu ukoll difficli li wiehed jimmagina li l-kondizzjoni qatt ma mmanifestat ruhha qabel ma kien hemm l-imsemmija kwestjoni ma sid-il-kera u dana kif gia' gie rilevat.

Fil-fatt jista jkun li d-dokument in kwestjoni gie f'idejn ir-ritrattanda recentement izda hu zgur li r-ritrattanda kienet taf jew jew zgur setghat tkun taf bil-kondizzjoni li tbati minnha u dan qabel ma kellha f'idejha d-dokument in kwestjoni. Dan kollu, ghal din il-Qorti, hu ukoll indikativ li possibilment ir-ritrattanda qed tittanta tapprofitta ruhha minn dokument li gie fil-pussess taghha biss recentement sabiex tkun tista tipprocedi bil-presenti rikors. Mhux verosimili li persuna li tbati bil-kondizzjoni in kwestjoni ma tkunx konsapevoli bis-sitwazzjoni tas-sahha taghha anke mentali fil-kors ta' hajjitha. In effett fir-rikors li qed jippromuovi din il-procedura l-istess ritrattanda donnha tammetti dan kollu u dan billi tikkonferma li tiehu u kienet tiehu medicinali kontra l-istess kondizzjoni.

Barra mill-premess jista ukoll jigi precizat li in effett id-dokument in kwestjoni ma jistax jitqies li hu rilevanti stante li ma jimpingi xejn fuq il-mertu ta' dawn il-proceduri. Hawnhekk ukolkl donnu li r-ritrattanda qed tapprofitta ukoll ruhha biex ittawwal il-proceduri li issa ilhom pendenti diversi snin.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba tar-ritrattanda kif ibbazata fuq il-provedimenti tal-sub-artikolu (e) u (k) tal-imsemmi

artikolu 811 timmerita li tigi michuda. Konsegwentement it-talba sabiex tigi mhassara u annullata s-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-31 ta’ Mejju 2011 u sabiex dan l-appell jigi ttrattat mill-gdid ghandha tigi rigettata.

Fl-ahhar nett il-Qorti jidhrilha li ghandha ukoll tikkummenta dwar silta fir-risposta tas-socjeta’ ritrattata u in partikolari dwar l-ewwel paragrafu fl-istess risposta. Il-Qorti tifhem li hu frustranti ghas-socjeta assikuratrici li wara li l-kawza giet ukoll deciza mill-Qorti tal-Appell, li jkollha tiffaccja talba ghar-ritrattazzjoni tal-istess appell. Ghandu ukoll jigi kkonsidrat li ghaddew diversi snin minn meta nbdew dawn il-proceduri. Pero’ l-linguagg li jigi uzat ghandu dejjem u fi kwalunkwe kaz ikun wiehed mizurat, prudenti u rispettuz tal-avvessarju. Jigi ccarat li dan mhux tip ta’ ammoniment izda hu semplicement parir tal-Qorti.

Fl-ahhar nett il-presenti rikors jirrasenta li ghandu jitqies bhala frivolu u vessatorja anke in vista ta’ dak kollu li gie premess. In vista pero’ ta’ cirkostanzi partikulari u specjali li jirrizultaw mhux il-kaz li jigu applikati l-porovedimenti tal-artikolu 223(4) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u mhux il-kaz li r-ritrattanda tigi kundannata li thallas l-ispejjez doppji.

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-appell gia’ deciz minn din l-istess Qorti pero’ diversament presjeduta fil-31 ta’ Mejju 2011 liema talba hi bbazata fuq dak li hu dispost fis-sub-artikoli (e) u (k) tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez kollha ta’ din il-procedura jithallsu mir-ritrattanda Maria Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------